

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/460****tas-16 ta' Marzu 2017****li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar strutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(11) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 715/2009, jeħtieġ li jiġi stabbilit kodiċi tan-netwerk dwar l-istrutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass, u li jiġu stabbiliti regoli għall-Unjoni kollha li għandhom l-oġettivi li jikkontribwixxu lejn l-integrazzjoni tas-suq, li jtejbju s-sigurtà tal-provvista u li jippromwovu l-interkonnessjoni bejn netwerks tal-gass.
- (2) Pass kruċjali fl-ilħuq ta' dawn l-oġettivi huwa li tiżdied it-trasparenza tal-istrutturi tariffarji għat-trażmissjoni u tal-proċeduri għat-twaqqif tagħhom. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni relatata mal-kalkolu tad-dħul tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u mad-derivazzjoni tat-tariffi differenti ta' trażmissjoni u mhux ta' trażmissjoni. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jippermettu lill-utenti tan-netwerk jifhmu aħjar it-tariffi stipulati għas-servizzi ta' trażmissjoni u wkoll daww mhux ta' trażmissjoni, kif ukoll kif inbidlu dawn it-tariffi, kif huma stabbiliti u kif jistgħu jinbidlu. Barra minn hekk, l-utenti tan-netwerk għandhom ikunu jistgħu jifhmu l-ispejjeż li fuqhom huma bbażati t-tariffi tat-trażmissjoni u jipprevedu tariffi għat-trażmissjoni b'mod raġonevoli. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza stipulati f'dan ir-Regolament jarmonizzaw b'mod ulterjuri r-regola stabbilita fil-punt 3.1.2(a) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.
- (3) Wara l-introduzzjoni tal-kunċett tas-sistema ta' dħul u ħruġ bir-Regolament (KE) Nru 715/2009, l-ispejjeż ta' trażmissjoni m'għadhomx assoċjati direttament ma' rotta waħda speċifika billi l-kapaċità ta' dħul u ħruġ tista' tiġi kkuntrattata b'mod separat, u l-utenti tan-netwerk jista' jkollhom il-gass ittrasportat minn kwalunkwe punt ta' dħul għal kwalunkwe punt ta' ħruġ. Bħala parti minn dan il-qafas, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jiddeċiedi l-aktar mod effiċjenti li bih il-gass jiġi mgħoddi minn ġos-sistema. Għalhekk, sabiex jinkiseb u jiġi żgurat livell raġonevoli ta' riflettività tal-kost u ta' prevedibilità f'din is-sistema, it-tariffi għat-trażmissjoni għandhom ikunu bbażati fuq metodoloġija ta' prezz ta' referenza bl-użu ta' fatturi speċifiċi tal-ispejjeż. Għandhom jiġu stabbiliti l-prinċipji gwida sabiex tiġi applikata metodoloġija ta' prezz ta' referenza konsistenti u trasparenti. Għandu jiġi stipulat obbligu ta' konsultazzjoni dwar il-metodoloġija proposta ta' prezz ta' referenza. Fejn il-metodoloġija proposta ta' prezz ta' referenza hija differenti mill-metodoloġija ta' prezz ta' referenza tal-kapaċità bbażata fuq id-distanza, din tal-aħħar għandha sservi bħala xenarju kontrofattwali għall-paragun mal-metodoloġija proposta ta' prezz ta' referenza.
- (4) Sabiex jiġu evitati imposti doppji għat-trażmissjoni lejn u minn faċilitajiet ta' ħżin, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi skont minimu li jirrikonoxxi l-kontribuzzjoni ġenerali għall-flessibilità tas-sistema u s-sigurtà tal-provvista ta' din l-infrastruttura. Il-faċilitajiet ta' ħżin b'aċċess dirett għas-sistemi ta' trażmissjoni ta' żewġ operaturi jew aktar ta' sistemi ta' trażmissjoni fis-sistemi ta' dħul u ħruġ konnessi b'mod dirett, jew simultanjament għal sistema ta' trażmissjoni u sistema ta' distribuzzjoni, jippermettu t-trasport tal-gass bejn is-sistemi konnessi b'mod dirett. L-applikazzjoni ta' skont fil-punti ta' dħul jew ta' ħruġ lejn il-faċilitajiet ta' ħżin f'każijiet fejn il-faċilitajiet ta' ħżin jintużaw biex jitransportaw il-gass bejn is-sistemi konnessi b'mod dirett għandha tkun ta' benefiċċju għall-utenti tan-netwerk meta mqabbla ma' utenti oħrajn tan-netwerk li jipprenotaw prodotti ta' kapaċità mingħajr skont f'punti ta' interkonnessjoni jew l-użu ta' faċilitajiet ta' ħżin biex jitransportaw il-gass fl-istess sistema. Dan ir-Regolament għandu jintroduċi mekkaniżmi li jevitaw din id-diskriminazzjoni.
- (5) Sabiex tiġi promossa s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, l-għoti ta' skonti għandu jiġi kkunsidrat għal punti ta' dħul minn faċilitajiet ta' LNG, u f'punti ta' dħul minn u f'punti ta' ħruġ lejn infrastrutturi żviluppata bl-għan li tintemm l-iżolazzjoni tal-Istati Membri b'rabta mas-sistemi tagħhom ta' trażmissjoni tal-gass.

<sup>(1)</sup> ĠUL 211, 14.8.2009, p. 36.

- (6) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'ċertu sistemi ta' dħul u ħruġ jittrasportaw, b'mod sinifikanti, aktar gass f'sistemi oħrajn milli għall-konsum fis-sistema tagħhom stess ta' dħul u ħruġ. Konsegwentement, il-metodoloġġi ta' prezz ta' referenza għandhom jinkludu s-salvagwardji meħtieġa biex jipproteġu lil dawn il-konsumaturi magħluqa ("captive consumers") mir-riskji relatati ma' flussi kbar ta' tranżitu.
- (7) Sabiex tiġi promossa l-istabilità tat-tariffi ta' trażmissjoni għall-utenti tan-netwerk, titrawwem l-istabilità finanzjarja u jiġu evitati effetti ta' detriment fuq id-dħul u l-pożizzjonijiet tal-fluss tal-flus tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, għandhom jiġu stabbiliti prinċipji għar-rikonċiljazzjoni tad-dħul.
- (8) Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti regoli fuq il-prinċipji tariffarji għall-kapaċità inkrementali mwettqa b'mod ibbażat fuq is-suq skont il-proċess stipulat fl-Artikoli 26 sa 30 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459 <sup>(1)</sup>. Fil-każ li t-tweġġ tal-kapaċità inkrementali jwassal għal livell ta' sussidju reċiproku li ma jistax jiġi ġġustifikat, billi l-konsumaturi magħluqa jkunu esposti għal sehem kbir mir-riskju tal-volum, dan ir-Regolament għandu jintroduċi mekkaniżmi sabiex jittaffew dawn ir-riskji.
- (9) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-parti mhux eżenti ta' infrastrutturi ewlenin ġodda li rċevew eżenzjoni skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> mill-Artikolu 41(6), (8) u (10) ta' dik id-Direttiva. F'każijiet fejn in-natura speċifika tal-interkonnnetturi tkun ġiet rikonoxxuta fil-livell Ewropew b'eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73/KE jew b'mezzi oħrajn, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandu jkollhom is-setgħa li jaġhtu deroga mir-reqwiziti ta' dan ir-Regolament li jpoġġu f'periklu l-operazzjoni effiċjenti ta' dawn l-interkonnnetturi.
- (10) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni u daww nazzjonali dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-projbizzjonijiet ta' ftehimiet restrittivi (l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti (l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea). L-istrutturi tariffarji ta' trażmissjoni armonizzati li jiddaħħlu fis-seħħ għandhom jiġu mfassla b'mod li jevitaw il-preklużjoni tas-swieq ta' forniment downstream.
- (11) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom iqisu l-aħjar prattiki u impenji sabiex jarmonizzaw il-proċessi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Filwaqt li jaġixxu skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li r-regoli dwar l-istrutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass jiġu implimentati mal-Unjoni kollha bl-iktar mod effettiv.
- (12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2009/73/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### Artikolu 1

#### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk li jstipula r-regoli dwar l-istrutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass, inklużi r-regoli dwar l-applikazzjoni ta' metodoloġġa ta' prezz ta' referenza, ir-reqwiziti assoċjati tal-konsultazzjoni u l-pubblikazzjoni kif ukoll il-kalkolu tal-prezzijiet ta' riżerva għall-prodotti ta' kapaċità standard.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459 tas-16 ta' Marzu 2017 li jstabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk dwar il-Mekkaniżmi ta' Allokazzjoni tal-Kapaċità fis-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 984/2013 (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠUL 211, 14.8.2009, p. 94).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠUL 211, 14.8.2009, p. 1).

## Artikolu 2

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-punti kollha ta' dħul u l-punti kollha ta' ħruġ ta' netwerks ta' trażmissjoni tal-gass bl-eċċezzjoni tal-Kapitoli III, V, VI, l-Artikolu 28, l-Artikolu 31(2) u (3) u l-Kapitolu IX li għandhom japplikaw biss għall-punti ta' interkonnessjoni. Il-Kapitoli III, V, VI, l-Artikolu 28 u l-Kapitolu IX għandhom japplikaw għall-punti ta' dħul minn pajjiżi terzi jew punti ta' ħruġ lejn pajjiżi terzi, jew it-tnejn li huma, meta l-awtorità regolatorja nazzjonali tiddeċiedi li tapplika r-Regolament (UE) 2017/459 f'dawn il-punti.
2. Dan ir-Regolament ma japplikax fl-Istati Membri li jkunu ngħataw deroga skont l-Artikolu 49 tad-Direttiva 2009/73/KE, għat-tul ta' dik id-deroga.

## Artikolu 3

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/459, l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 <sup>(1)</sup>, l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703 <sup>(2)</sup>, kif ukoll fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE. Barra minn dan, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "prezz ta' referenza" tfisser il-prezz għal prodott ta' kapaċità għal kapaċità kostanti b'tul ta' sena, li huwa applikabbli fil-punti ta' dħul u ta' ħruġ u li jintuża biex jiġu stabbiliti tariffi tat-trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità;
2. "metodoloġija ta' prezz ta' referenza" tfisser il-metodoloġija applikata għall-parti mid-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandha tiġi rkuprata mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità bl-għan li jitnislu prezzijiet ta' referenza;
3. "reġim mingħajr regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet" tfisser reġim regolatorju, bħalma huma r-reġim ta' regolazzjoni tal-limitu massimu tad-dħul, tar-rata tar-redditu u tal-ispejjeż, li fuq il-bażi tiegħu jiġi stabbilit id-dħul permess għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni b'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE;
4. "dħul minn servizzi mhux ta' trażmissjoni" tfisser parti mid-dħul permess jew fil-mira li jiġi rkuprat mit-tariffi mhux ta' trażmissjoni;
5. "perjodu regolatorju" tfisser il-perjodu ta' żmien li għalih ir-regoli ġenerali għad-dħul permess jew fil-mira jiġu stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE;
6. "dħul minn servizzi tat-trażmissjoni" tfisser il-parti mid-dħul permess jew fil-mira li tiġi rkuprat mit-tariffi ta' trażmissjoni;
7. "tariffi tat-trażmissjoni" tfisser l-imposti pagabbli mill-utenti tan-netwerk għas-servizzi tat-trażmissjoni pprovduti lilhom;
8. "użu intrasistemiku tan-netwerk" tfisser it-trasport ta' gass fi ħdan sistema ta' dħul u ħruġ lejn il-konsumaturi konnessi ma' dik l-istess sistema ta' dħul u ħruġ;
9. "użu intersistemiku tan-netwerk" tfisser it-trasport ta' gass fi ħdan sistema ta' dħul u ħruġ lejn il-konsumaturi konnessi ma' sistema oħra ta' dħul u ħruġ;
10. "grupp ta' punti omoġenju" tfisser grupp ta' wieħed minn dawn il-punti li ġejjin: punti ta' dħul ta' interkonnessjoni, punti ta' ħruġ ta' interkonnessjoni, punti ta' dħul domestiċi, punti ta' ħruġ domestiċi, punti ta' ħruġ minn faċilitajiet ta' ħżin, punti ta' ħruġ minn faċilitajiet ta' ħżin, punti ta' dħul minn faċilitajiet ta' gass naturali likwifikat (minn hawn 'il quddiem: "faċilitajiet ta' LNG"), punti ta' ħruġ lejn il-faċilitajiet ta' LNG u punti ta' dħul minn faċilitajiet ta' produzzjoni;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 tas-26 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Netwerks ta' Trażmissjoni (ĠUL 91, 27.3.2014, p. 15).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703 tat-30 ta' April 2015 li jstabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk għar-Regoli dwar l-Interoperabbiltà u l-Iskambju ta' dejta (ĠUL 113, 1.5.2015, p. 13).

11. “dħul permess” tfisser l-ammont totali tad-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni u mhux ta' trażmissjoni għall-għoti ta' servizzi mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għal perjodu ta' żmien speċifiku f'perjodu regolatorju speċifiku li fih tali operatur tas-sistema ta' trażmissjoni huwa intitolat jikseb bħala parti minn reġim mingħajr regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet u li huwa stipulat f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE;
12. “servizzi ta' trażmissjoni” tfisser is-servizzi regolati li huma pprovduti mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fis-sistema ta' dħul u ħruġ għall-għan tat-trażmissjoni;
13. “tariffi mhux ta' trażmissjoni” tfisser l-imposti pagabbli mill-utenti tan-netwerk għas-servizzi mhux ta' trażmissjoni ipprovduti lilhom;
14. “dħul fil-mira” tfisser l-ammont totali tad-dħul mistenni mis-servizzi ta' trażmissjoni kalkolata f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 u d-dħul mistenni mis-servizzi mhux ta' trażmissjoni għall-għoti tas-servizzi mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għal perjodu ta' żmien speċifiku f'perjodu regolatorju speċifiku bħala parti minn reġim ta' regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet;
15. “servizzi mhux ta' trażmissjoni” tfisser is-servizzi regolati minbarra s-servizzi ta' trażmissjoni u minbarra s-servizzi regolati mir-Regolament (UE) Nru 312/2014 li huma pprovduti mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;
16. “multiplikatur” tfisser il-fattur applikat għall-proporzjon rispettiv tal-prezz ta' referenza sabiex jiġi kkalkulat il-prezz ta' riżerva għall-prodott mhux annwali ta' kapaċità standard;
17. “reġim ta' regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet” tfisser reġim regolatorju li bħala parti minnu tiġi stipulata tariffa massima għat-trażmissjoni bbażata fuq id-dħul fil-mira, f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE;
18. “fattur tal-ispejjeż” tfisser determinant ewlieni tal-attività tal-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni li hija korrelata mal-ispejjeż ta' dak l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, bħad-distanza jew il-kapaċità teknika;
19. “raggruppament ta' punti ta' dħul jew ħruġ” tfisser grupp omoġenju ta' punti jew grupp ta' punti ta' dħul jew ta' ħruġ li jinsabu qrib xulxin u li huma kkunsidrati bħala, rispettivament, punt ta' dħul wieħed jew punt ta' ħruġ wieħed għall-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-prezz ta' referenza;
20. “xenarju tal-fluss” tfisser kombinazzjoni ta' punt ta' dħul u ta' punt ta' ħruġ li tirrifletti l-użu tas-sistema ta' trażmissjoni skont ix-xejriet probabbli tad-domanda u li għaliha hemm tal-inqas rotta waħda ta' pipeline li tippermetti l-fluss tal-gass fin-netwerk ta' trażmissjoni f'dak il-punt ta' dħul u l-barra min-netwerk ta' trażmissjoni f'dak il-punt ta' ħruġ, irrispettivament minn jekk il-kapaċità tiġix kuntrattata f'dak il-punt ta' dħul u dak il-punt ta' ħruġ;
21. “fattur staġunali” tfisser il-fattur li jirrifletti l-varjazzjoni tad-domanda fis-sena li jista' jiġi applikat f'kombinazzjoni mal-multiplikatur rilevanti;
22. “prezz pagabbli fiss” tfisser prezz ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 24(b) fejn il-prezz ta' riżerva mhuwiex soġġett għal aġġustamenti;
23. “perjodu tat-tariffi” tfisser il-perjodu ta' żmien li fih huwa applikabbli livell partikolari ta' prezz ta' referenza, u fejn it-tul minimu huwa ta' sena u t-tul massimu huwa t-tul tal-perjodu regolatorju;
24. “kont regolatorju” tfisser il-kont li fih jinġema', mill-inqas, l-irkupru insuffiċjenti u l-irkupru żejjed tad-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni bħala parti minn reġim mingħajr regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet;
25. “primjum tal-irkant” tfisser id-differenza bejn il-prezz ta' approvazzjoni tal-irkant u l-prezz ta' riżerva f'irkant;
26. “prezz pagabbli varjabbli” tfisser prezz ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 24(a) fejn il-prezz ta' riżerva huwa soġġett għal aġġustament bħar-rikonċiljazzjoni tad-dħul, l-aġġustament tad-dħul permess jew l-aġġustament tal-kapaċità kuntrattata mbassra.

#### Artikolu 4

#### Servizzi u tariffi ta' trażmissjoni u mhux ta' trażmissjoni

1. Servizz speċifiku għandu jitqies bħala servizz ta' trażmissjoni meta jkunu ġew issodisfati ż-żewġ kriterji li ġejjin:
  - (a) l-ispejjeż ta' dan is-servizz huma kkawżati mill-fatturi tal-ispejjeż tal-kapaċità kuntrattata teknika jew imbassra u mid-distanza;
  - (b) l-ispejjeż ta' dan is-servizz huma relatati mal-investment fl-infrastruttura u l-operazzjoni tagħha li huma parti minn bażi ta' assi regolata għall-għoti tas-servizzi ta' trażmissjoni.

Meta jkun hemm nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mill-kriterji stipulati fil-punti (a) u (b), servizz speċifiku jista' jiġi attribwit għas-servizzi ta' trażmissjoni jew mhux ta' trażmissjoni, soġġett għas-sejbiet tal-konsultazzjoni perjodika mill-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni jew mill-awtorità regolatorja nazzjonali u d-deċiżjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali, kif stipulat fl-Artikoli 26 u 27.

2. It-tariffi tat-trażmissjoni jistgħu jiġu stabbiliti b'mod li jieħdu kont tal-kundizzjonijiet għall-prodotti ta' kapaċità kostanti.

3. Id-dħul mis-servizzi ta' trażmissjoni għandu jiġi rkuprat mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità.

Bħala eċċezzjoni, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali, parti mid-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni għandu jiġi rkuprat biss mit-tariffi għat-trażmissjoni tal-kumditajiet li ġejjin li huma stipulati b'mod separat minn xulxin:

(a) tariffa bbażata fuq il-fluss, li għandha tikkonforma mal-kriterji kollha li ġejjin:

- (i) tkun imposta għall-iskop li tkopri l-ispejjeż ikkawżati l-aktar mill-kwantità tal-fluss tal-gass;
- (ii) tiġi kkalkulata abbażi tal-flussi mbassra jew storiċi tal-kapaċità, jew it-tnejn li huma, u stipulata b'tali mod li tkun l-istess f'kull punt ta' dħul u l-istess f'kull punt ta' ħruġ;
- (iii) tiġi espressa f'termini monetarji jew mhux finanzjarji.

(b) tariffa kumplementarja fuq l-irkupru tad-dħul, li għandha tikkonforma mal-kriterji kollha li ġejjin:

- (i) tkun imposta għall-iskop ta' ġestjoni tal-irkupru insuffiċjenti u l-irkupru żejjed;
- (ii) tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' allokkazzjonijiet u flussi mbassra jew storiċi tal-kapaċità, jew it-tnejn li huma;
- (iii) tiġi applikata f'punti li mhumiex punti ta' interkonnessioni;
- (iv) tiġi applikata wara li l-awtorità regolatorja nazzjonali tkun għamlet valutazzjoni tar-riflettività tal-kost u l-impatt tiegħu fuq is-sussidju reċiproku bejn il-punti ta' interkonnessioni u punti ħlief punti ta' interkonnessioni.

4. Id-dħul ta' servizzi mhux ta' trażmissjoni għandu jiġi rkuprat mit-tariffi mhux ta' trażmissjoni applikabbli għal servizz mhux ta' trażmissjoni speċifiku. Dawn it-tariffi għandhom ikunu kif ġejj:

- (a) riflettivi għall-kost, mhux diskriminatorji, oġġettivi u trasparenti;
- (b) imposti lill-benefiċjarji ta' servizz mhux ta' trażmissjoni speċifiku bl-għan li jiġi mnaqqas is-sussidju reċiproku bejn l-utenti tan-netwerk ġewwa jew 'il barra minn Stat Membru, jew it-tnejn li huma.

Fejn, skont l-awtorità regolatorja nazzjonali servizz mhux ta' trażmissjoni speċifiku jibbenefika lill-utenti kollha tan-netwerk, l-ispejjeż għal dan is-servizz għandhom jiġu rkuprati mill-utenti kollha tan-netwerk.

## Artikolu 5

### Valutazzjonijiet dwar l-allokkazzjoni tal-ispejjeż

1. L-awtorità regolatorja nazzjonali jew l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali, għandha twettaq il-valutazzjonijiet li ġejjin u għandha tippubblikahom bħala parti mill-konsultazzjoni finali msemmija fl-Artikolu 26:

(a) valutazzjoni tal-allokkazzjoni tal-kost relatata mad-dħul mis-servizzi tat-trażmissjoni li għandu jiġi rkuprat mit-tariffi għat-trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità u bbażata esklużivament fuq il-fatturi tal-ispejjeż ta' dawn li ġejjin:

- (i) il-kapaċità teknika; jew
- (ii) il-kapaċità kuntrattata mbassra; jew
- (iii) il-kapaċità teknika u d-distanza; jew
- (iv) il-kapaċità kuntrattata mbassra u d-distanza;

(b) valutazzjoni tal-allokkazzjoni tal-kost relatata mad-dħul mis-servizzi tat-trażmissjoni li għandu jiġi rkuprat mit-tariffi għat-trażmissjoni bbażata fuq il-komodità, jekk ikun hemm, u bbażata esklużivament fuq il-fatturi tal-ispejjeż tal-kapaċità ta' dawn li ġejjin:

- (i) l-ammont tal-flussi tal-gass; jew
- (ii) l-ammont tal-flussi tal-gass u d-distanza.

2. Il-valutazzjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kost għandhom jindikaw il-grad ta' sussidju reċiproku bejn l-użu intrasistemiku u intersistemiku tan-netwerk abbażi tal-metodoloġija proposta tal-prezz ta' referenza.
3. Il-valutazzjoni tal-allokazzjoni tal-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 1(a) għandha titwettaq kif ġej:

- (a) id-dħul mill-kapaċità tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandu jinkiseb mill-użu intrasistemiku fil-punti ta' dħul kollha u l-punti kollha ta' ħruġ għandu jiġi diviż mill-valur tal-fattur(i) tal-ispejjeż tal-kapaċità rilevanti għall-użu intrasistemiku tan-netwerk sabiex jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-kapaċità intrasistemiku, li hija ddefinita bħala unità monetarja għal kull unità ta' kejl, bħal feuro għal kull MWh/jum, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\text{Ratio}_{cap}^{intra} = \frac{\text{Revenue}_{cap}^{intra}}{\text{Driver}_{cap}^{intra}}$$

Fejn:

$\text{Revenue}_{cap}^{intra}$  huwa d-dħul, iddefinit f'unità monetarja bħall-euro, li jinkiseb minn tariffi tal-kapaċità u impost għall-użu intrasistemiku tan-netwerk;

$\text{Driver}_{cap}^{intra}$  huwa l-valur tal-fattur(i) tal-ispejjeż relatati mal-kapaċità għall-użu intrasistemiku tan-netwerk, bħall-ammont totali tal-kapaċitajiet medji mbassra ta' kuljum kuntrattati f'kull punt ta' dħul intrasistemiku u kull punt ta' ħruġ intrasistemiku, jew raggruppament ta' punti, u huwa ddefinit f'unitajiet ta' kejl bħal MWh/jum.

- (b) id-dħul mill-kapaċità tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandu jinkiseb mill-użu intersistemiku fil-punti ta' dħul kollha u l-punti kollha ta' ħruġ għandu jiġi diviż mill-valur tal-fattur(i) tal-ispejjeż tal-kapaċità rilevanti għall-użu intersistemiku tan-netwerk sabiex jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-kapaċità intersistemiku, li hija ddefinita bħala unità monetarja għal kull unità ta' kejl, bħal feuro għal kull MWh/jum, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\text{Ratio}_{cap}^{cross} = \frac{\text{Revenue}_{cap}^{cross}}{\text{Driver}_{cap}^{cross}}$$

Fejn:

$\text{Revenue}_{cap}^{cross}$  huwa d-dħul, iddefinit f'unità monetarja bħall-euro, li jinkiseb minn tariffi tal-kapaċità u impost għall-użu intersistemiku tan-netwerk;

$\text{Driver}_{cap}^{cross}$  huwa l-valur tal-fattur(i) tal-ispejjeż relatati mal-kapaċità għall-użu tan-netwerk intersistemiku, bħall-ammont totali tal-kapaċitajiet medji mbassra ta' kuljum kuntrattati f'kull punt ta' dħul u punt ta' ħruġ intersistemiku, jew raggruppament ta' punti, u huwa ddefinit f'unitajiet ta' kejl bħal MWh/jum.

- (c) l-indiċi ta' paragun tal-allokazzjoni tal-ispejjeż ta' kapaċità bejn il-proporzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b), li huwa ddefinit f'perċentwali, għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\text{Comp}_{cap} = \frac{2 \times \left| \text{Ratio}_{cap}^{intra} - \text{Ratio}_{cap}^{cross} \right|}{\text{Ratio}_{cap}^{intra} + \text{Ratio}_{cap}^{cross}} \times 100 \%$$

4. Il-valutazzjoni tal-allokazzjoni tal-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 1(b) għandha titwettaq kif ġej:

- (a) id-dħul mill-komodità tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandu jinkiseb mill-użu intrasistemiku fil-punti ta' dħul kollha u l-punti kollha ta' ħruġ għandu jiġi diviż mill-valur tal-fattur(i) tal-ispejjeż tal-komodità rilevanti għall-użu intrasistemiku tan-netwerk sabiex jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-komodità intrasistemiku, li hija ddefinita bħala unità monetarja għal kull unità ta' kejl, bħal feuro għal kull MWh, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\text{Ratio}_{comm}^{intra} = \frac{\text{Revenue}_{comm}^{intra}}{\text{Driver}_{comm}^{intra}}$$

Fejn:

$\text{Revenue}_{comm}^{intra}$  huwa d-dħul, iddefinit f'unità monetarja bħall-euro, li jinkiseb minn tariffi tal-komodità u impost għall-użu intrasistemiku tan-netwerk;

$\text{Driver}_{comm}^{intra}$  huwa l-valur tal-fattur(i) tal-ispejjeż relatati mal-komodità għall-użu intrasistemiku tan-netwerk, bħall-ammont totali tal-flussi medji mbassra ta' kuljum f'kull punt ta' dħul u punt ta' ħruġ intrasistemiku, jew raggruppament ta' punti, u huwa ddefinit f'unitajiet ta' kejl bħal MWh.

- (b) id-dħul mill-komodità tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandu jinkiseb mill-użu intersistemiku fil-punti ta' dħul kollha u l-punti kollha ta' ħruġ għandu jiġi diviż mill-valur tal-fattur(i) tal-ispejjeż tal-komodità rilevanti għall-użu intersistemiku tan-netwerk sabiex jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-komodità intersistemiku, li hija ddefinita bħala unità monetarja għal kull unità ta' kejl, bħal feuro għal kull MWh, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$Ratio_{comm}^{cross} = \frac{Revenue_{comm}^{cross}}{Driver_{comm}^{cross}}$$

Fejn:

$Revenue_{comm}^{cross}$  huwa d-dħul, iddefinit f'unità monetarja bħall-euro, li jinkiseb minn tariffi tal-komodità u impost fuq l-użu intersistemiku tan-netwerk;

$Driver_{comm}^{cross}$  huwa l-valur tal-fattur(i) tal-ispejjeż relatati mal-komodità għall-użu intersistemiku tan-netwerk, bħall-ammont totali tal-flussi medji mbassra ta' kuljum f'kull punt ta' dħul u punt ta' ħruġ intersistemiku, jew raggrup-pament ta' punti, u huwa ddefinit f'unitajiet ta' kejl bħal MWh.

- (c) l-indiċi ta' paragon tal-allokkazzjoni tal-ispejjeż ta' komodità bejn il-proporzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b), li huwa ddefinit f'perċentwali, għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$Comp_{comm} = \frac{2 \times |Ratio_{comm}^{intra} - Ratio_{comm}^{cross}|}{Ratio_{comm}^{intra} + Ratio_{comm}^{cross}} \times 100 \%$$

5. Id-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandu jinkiseb mill-użu intrasistemiku tan-netwerk fil-punti ta' dħul imsemmija fil-paragrafi 3(a) u 4(a) għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

- (a) l-ammont ta' kapaċità allokata jew, rispettivament, il-flussi attribwiti għall-għoti ta' servizzi ta' trażmissjoni għall-użu intrasistemiku tan-netwerk fil-punti kollha ta' dħul għandu jiġi kkunsidrat indaq mal-ammont tal-kapaċità jew, rispettivament, mal-flussi attribwiti għall-għoti ta' servizzi ta' trażmissjoni għall-użu intrasistemiku tan-netwerk fil-punti kollha ta' ħruġ;
- (b) il-kapaċità u, rispettivament, il-flussi, determinati kif stipulat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandhom jintużaw biex jiġi kkalkulat id-dħul mis-servizzi ta' trażmissjoni li għandu jinkiseb mill-użu intrasistemiku tan-netwerk fil-punti ta' dħul;
- (c) id-differenza bejn id-dħul ġenerali mis-servizzi ta' trażmissjoni għandu jinkiseb fil-punti ta' dħul u l-valur li jirriżulta msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu għandu jkun daqs id-dħul mis-servizzi ta' trażmissjoni li għandu jinkiseb mill-użu intrasistemiku tan-netwerk fil-punti ta' dħul.

6. Meta d-distanza tintuża bħala fattur tal-ispejjeż f'kombinazzjoni mal-kapaċità kuntrattata teknika jew imbassra jew mal-flussi, għandhom jintużaw id-distanza medja ponderata għall-kapaċità jew, rispettivament, id-distanza medja ponderata għall-komodità. Meta r-riżultati tal-indiċijiet tal-paragon tal-allokkazzjoni tal-ispejjeż tal-kapaċità, jew rispettivament tal-komodità, imsemmija fil-paragrafu 3(c) jew rispettivament fil-paragrafu 4(c), jaqsbu l-10 %, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tippovdi ġustifikazzjoni għal dawn ir-riżultati fid-deċizzjoni msemmija fl-Artikolu 27(4).

## KAPITOLU II

### METODOĠIJI TA' PREZZIJET TA' REFERENZA

#### Artikolu 6

#### L-applikazzjoni ta' metodoloġija ta' prezz ta' referenza

1. Il-metodoloġija ta' prezz ta' referenza għandha tiġi stabbilita jew approvata mill-awtorità regolatorja nazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 27. Il-metodoloġija ta' prezz ta' referenza li għandha tiġi applikata għandha tkun soġġetta għas-sejbiet tal-konsultazzjonijiet perjodiċi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 26 mill-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni jew mill-awtorità regolatorja nazzjonali, kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali.

2. L-applikazzjoni tal-metodoloġija ta' prezz ta' referenza għandha tipprovdi prezz ta' referenza.
3. L-istess metodoloġija ta' prezz ta' referenza għandha tiġi applikata għall-punti kollha ta' dħul u l-ħruġ f'sistema ta' dħul u ħruġ speċifika soġġetta għall-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikoli 10 u 11.
4. Jistgħu jsiru aġġustamenti għall-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-prezz ta' referenza fil-punti kollha ta' dħul u l-ħruġ biss f'konformità mal-Artikolu 9 jew bħala riżultat ta' waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
  - (a) il-parametraġġ mill-awtorità regolatorja nazzjonali, fejn il-prezzijiet ta' referenza f'punt ta' dħul jew ħruġ speċifiku jiġu aġġustati sabiex il-valuri li jirriżultaw jissodisfaw il-livell kompetittiv tal-prezzijiet ta' referenza;
  - (b) l-ugwalizzazzjoni mill-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni jew mill-awtorità regolatorja nazzjonali, kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali, fejn l-istess prezz ta' referenza huwa applikat għal xi wħud mill-punti jew għall-punti kollha fi grupp omoġenju ta' punti;
  - (c) ir-rigradazzjoni mill-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni jew mill-awtorità regolatorja nazzjonali, kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali, fejn il-prezzijiet ta' referenza fil-punti kollha ta' dħul jew ħruġ, jew fit-tnejn li huma, huma aġġustati jew bil-multiplikazzjoni tal-valuri tagħhom b'kostant jew biż-żieda jew tnaqqis ta' kostant mill-valuri tagħhom.

#### Artikolu 7

##### **Għażla ta' metodoloġija ta' prezz ta' referenza**

Il-metodoloġija ta' prezz ta' referenza għandha tikkonforma mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 u marrekwiżiti li ġejjin. Din se jkollha l-għan li:

- (a) jiġi permess li l-utenti tan-netwerk jirriproduċu l-kalkolu tal-prezzijiet ta' referenza u t-tbassir preċiż tagħhom;
- (b) jiġu kkunsidrati l-ispejjeż attwali mġarrba għall-għoti tas-servizzi ta' trażmissjoni meħud kont tal-livell tal-komplessità tan-netwerk ta' trażmissjoni;
- (c) tiġi żgurata n-nondiskriminazzjoni u li jiġi pprevjenut is-sussidju reċiproku mhux xieraq inkluż billi jiġu kkunsidrati l-valutazzjonijiet tal-allokazzjoni tal-ispejjeż stipulati fl-Artikolu 5;
- (d) jiġi żgurat li f'sistema ta' dħul u ħruġ, ma jiġix assenjat riskju tal-volum sinifikanti lill-konsumaturi finali b'mod partikolari għat-trasporti bejn is-sistemi ta' dħul u ħruġ;
- (e) jiġi żgurat li l-prezzijiet ta' referenza li jirriżultaw ma jfixklux il-kummerċ transkonfinali.

#### Artikolu 8

##### **Metodoloġija ta' prezz ta' referenza ta' kapaċità bbażata fuq id-distanza**

1. Il-parametri għall-metodoloġija ta' prezz ta' referenza ta' kapaċità bbażata fuq id-distanza għandhom ikunu kif ġej:
  - (a) il-parti mid-dħul mis-servizzi ta' trażmissjoni li għandu jiġi rkuprat mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità;
  - (b) il-kapaċità kuntrattata mbassra għal kull punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul u għal kull punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ;
  - (c) fejn il-punti ta' dħul u l-punti ta' ħruġ jistgħu jiġu kkombinati f'xenarju ta' fluss rilevanti, l-iqsar distanza tar-rotot tal-pipeline bejn punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul u punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ;
  - (d) il-kombinazzjonijiet ta' punti ta' dħul u ta' ħruġ, fejn xi punti ta' dħul u xi punti ta' ħruġ jistgħu jiġu kkombinati f'xenarju ta' fluss rilevanti;
  - (e) il-qsim bejn id-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 30(1)(b)(v)(2) għandha tkun ta' 50/50.

Fejn il-punti ta' dħul u l-ħruġ ma jistgħux jiġu kkombinati f'xenarju ta' fluss, din il-kombinazzjoni ta' punti ta' dħul u ħruġ m'għandhiex tiġi kkunsidrata.



2. Il-prezzijiet ta' referenza għandhom jiġu derivati fil-passi sekwenzjali li ġejjin:

(a) id-distanza medja mkejla għal kull punt ta' dħul jew kull raggruppament ta' punti ta' dħul u għal kull punt ta' ħruġ jew kull raggruppament ta' punti ta' ħruġ għandha tiġi kkalkulata, meħud kont, fejn ikun rilevanti, tal-kombinazzjoni ta' imsemmija fil-paragrafu 1(d), f'konformità mal-formuli rispettivi li ġejjin:

(i) għal kull punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul, bħala l-ammont totali tal-prodotti ta' kapaċità f'kull punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ u d-distanza minn dan il-punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul għal kull punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ, diviż mill-ammont totali tal-kapaċitajiet f'kull punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ:

$$AD_{En} = \frac{\sum_{all\ Ex} CAP_{Ex} \times D_{En,Ex}}{\sum_{all\ Ex} CAP_{Ex}}$$

Fejn:

$AD_{En}$  hija d-distanza medja mkejla għal punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul;

$CAP_{Ex}$  hija l-kapaċità kuntrattata mbassra f'punt ta' ħruġ jew f'raggruppament ta' punti ta' ħruġ;

$D_{En,Ex}$  hija d-distanza bejn punt ta' dħul speċifiku jew raggruppament ta' punti ta' dħul u punt ta' ħruġ speċifiku jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ imsemmija fil-paragrafu 1(c).

(ii) għal kull punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ, bħala l-ammont totali tal-prodotti ta' kapaċità f'kull punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul u d-distanza għal dan il-punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ minn kull punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul, diviż mill-ammont totali tal-kapaċitajiet f'kull punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul:

$$AD_{Ex} = \frac{\sum_{all\ En} CAP_{En} \times D_{En,Ex}}{\sum_{all\ En} CAP_{En}}$$

Fejn:

$AD_{Ex}$  hija d-distanza medja mkejla għal punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ;

$CAP_{En}$  hija l-kapaċità kuntrattata mbassra f'punt ta' dħul jew f'raggruppament ta' punti ta' dħul;

$D_{En,Ex}$  hija d-distanza bejn punt ta' dħul speċifiku jew raggruppament ta' punti ta' dħul u punt ta' ħruġ speċifiku jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ imsemmija fil-paragrafu 1(c).

(b) il-piż tal-ispejjeż għal kull punt ta' dħul jew kull raggruppament ta' punti ta' dħul u għal kull punt ta' ħruġ jew kull raggruppament ta' punti ta' ħruġ għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formuli rispettivi li ġejjin:

$$W_{c,En} = \frac{CAP_{En} \times AD_{En}}{\sum_{all\ En} CAP_{En} \times AD_{En}}$$

$$W_{c,Ex} = \frac{CAP_{Ex} \times AD_{Ex}}{\sum_{all\ Ex} CAP_{Ex} \times AD_{Ex}}$$

Fejn:

$W_{c,En}$  hija l-piż tal-ispejjeż għal punt ta' dħul speċifiku jew raggruppament ta' punti ta' dħul;

$W_{c,Ex}$  hija l-piż tal-ispejjeż għal punt ta' ħruġ speċifiku jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ;

$AD_{En}$  hija d-distanza medja mkejla għal punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul;

$AD_{Ex}$  hija d-distanza medja mkejla għal punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ;

$CAP_{En}$  hija l-kapaċità kuntrattata mbassra f'punt ta' dħul jew f'raggruppament ta' punti ta' dħul;

$CAP_{Ex}$  hija l-kapaċità kuntrattata mbassra f'punt ta' ħruġ jew f'raggruppament ta' punti ta' ħruġ.

(c) il-parti mid-dħul tas-servizzi tat-trażmissjoni li għandha tiġi rkuprata mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità fil-punti kollha ta' dħul u l-parti mid-dħul tas-servizzi tat-trażmissjoni li għandha tiġi rkuprata mit-tariffi għat-trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità fil-punti kollha ta' ħruġ għandha tiġi identifikata billi jiġi applikat qsim bejn id-dħul u l-ħruġ;

- (d) il-parti mid-dħul tas-servizzi tat-trażmissjoni li għandha tiġi rkuprata mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità għal kull punt ta' dħul jew kull raggruppament ta' punti ta' dħul u għal kull punt ta' ħruġ jew kull raggruppament ta' punti ta' ħruġ għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-formuli rispettivi li ġejjin:

$$R_{En} = W_{c,En} \times R_{\Sigma En}$$

$$R_{Ex} = W_{c,Ex} \times R_{\Sigma Ex}$$

Fejn:

$W_{c,En}$  hija l-piż tal-ispejjeż għal punt ta' dħul speċifiku jew raggruppament ta' punti ta' dħul;

$W_{c,Ex}$  hija l-piż tal-ispejjeż għal punt ta' ħruġ speċifiku jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ;

$R_{En}$  hija l-parti mid-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandha tiġi rkuprata mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità f'punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul;

$R_{Ex}$  hija l-parti mid-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandha tiġi rkuprata mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità f'punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ;

$R_{\Sigma En}$  hija l-parti mid-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandha tiġi rkuprata mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità fil-punti kollha ta' dħul;

$R_{\Sigma Ex}$  hija l-parti mid-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni li għandha tiġi rkuprata mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità fil-punti kollha ta' ħruġ.

- (e) il-valuri li jirriżultaw imsemmija fil-punt (d) għandhom jiġu diviżi mill-kapaċità kuntrattata mbassra f'kull punt ta' dħul jew kull raggruppament ta' punti ta' dħul u f'kull punt ta' ħruġ jew kull raggruppament ta' punti ta' ħruġ f'konformità mal-formuli rispettivi li ġejjin:

$$T_{En} = \frac{R_{En}}{CAP_{En}}$$

$$T_{Ex} = \frac{R_{Ex}}{CAP_{Ex}}$$

Fejn:

$T_{En}$  huwa l-prezz ta' referenza f'kull punt ta' dħul jew kull punt ta' dħul f'raggruppament ta' punti ta' dħul;

$T_{Ex}$  huwa l-prezz ta' referenza f'kull punt ta' ħruġ jew kull punt ta' ħruġ f'raggruppament ta' punti ta' ħruġ;

$CAP_{En}$  hija l-kapaċità kuntrattata mbassra f'punt ta' dħul jew raggruppament ta' punti ta' dħul;

$CAP_{Ex}$  hija l-kapaċità kuntrattata mbassra f'punt ta' ħruġ jew raggruppament ta' punti ta' ħruġ.

#### Artikolu 9

##### **Aġġustament tat-tariffi fil-punti ta' dħul minn u punti ta' ħruġ lejn faċilitajiet tal-ħżin u fil-punti ta' dħul minn faċilitajiet u infrastrutturi ta' LNG bl-għan li tintemm l-iżolazzjoni**

1. Għandu jiġi applikat skont ta' mill-inqas 50 % għat-tariffi tat-trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità fil-punti ta' dħul u l-punti ta' ħruġ għall-faċilitajiet tal-ħżin sakemm u safejn ikun possibbli li tintuża faċilità tal-ħżin konnessa ma' aktar minn netwerk wieħed ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni biex tikkompeti ma' punt ta' interkonnessjoni.
2. Fil-punti ta' dħul minn faċilitajiet ta' LNG, u f'punti ta' dħul minn u f'punti ta' ħruġ lejn infrastrutturi żviluppanti bl-għan li tintemm l-iżolazzjoni tal-Istati Membri b'rabta mas-sistemi tagħhom ta' trażmissjoni tal-gass, jista' jiġi applikat skont fuq it-tariffi rispettivi għat-trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità għall-iskopijiet relatati maż-żieda tas-sigurtà tal-provvista.

#### Artikolu 10

##### **Regoli għal sistemi ta' dħul u ħruġ fi Stat Membru fejn aktar minn operatur wieħed ta' sistema ta' trażmissjoni huwa attiv**

1. F'konformità mal-Artikolu 6(3), l-istess metodoloġija ta' prezz ta' referenza għandha tiġi applikata b'mod konġunt mill-operaturi kollha tas-sistemi ta' trażmissjoni f'sistema ta' dħul u ħruġ fi Stat Membru.

2. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 1 u soġġetta għall-paragrafu 3, l-awtorità regolatorja nazzjonali tista' tiddeċiedi:
- (a) li l-istess metodoloġija ta' prezz ta' referenza tiġi applikata separatament minn kull operatur tas-sistema ta' trażmissjoni f'sistema ta' dħul u ħruġ;
  - (b) bħala eċċezzjoni għall-Artikolu 6(3), fl-ippjanar ta' fużjonijiet bejn is-sistemi ta' dħul u ħruġ, fuq il-passi intermedji li jippermettu li l-metodoloġiji differenti tal-prezz ta' referenza jiġu applikati separatament minn kull operatur tas-sistema ta' trażmissjoni fis-sistemi kkonċernati ta' dħul u ħruġ. Din id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi l-perjodu taż-żmien għall-applikazzjoni tal-passi intermedji. L-awtorità regolatorja nazzjonali jew l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, skont kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali, għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt u analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji qabel l-implimentazzjoni ta' dawn il-passi intermedji.

Bħala riżultat tal-applikazzjoni separata ta' metodoloġiji tal-prezz ta' referenza differenti, id-dħul mis-servizzi tat-trażmissjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni involuti għandu jiġi aġġustat.

3. Sabiex tiġi permessal-applikazzjoni xierqa tal-istess metodoloġija tal-prezz ta' referenza b'mod konġunt, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kumpens għal operatur ta' sistema ta' intertrażmissjoni.

Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2(a) jew, rispettivament, il-paragrafu 2(b) tista' tittieħed fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

- (a) il-mekkaniżmu ta' kumpens għal operatur ta' sistema ta' intertrażmissjoni għandu jiġi stabbilit bl-għan li:
  - (i) jevita effetti ta' ħsara fuq id-dħul mis-servizzi tat-trażmissjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni involuti;
  - (ii) jevita s-sussidju reċiproku bejn l-użu intrasistemiku u intersistemiku tan-netwerk;
- (b) din l-applikazzjoni separata tiżgura l-ispejjeż jikkorrespondu ma' dawk ta' operatur tas-sistema ta' trażmissjoni effiċjenti.

4. Il-perjodu ta' żmien massimu stipulat fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2(a) jew, rispettivament, il-paragrafu 2(b) għandu jkun ta' mhux aktar tard minn ħames snin mid-data msemmija fl-Artikolu 38(2). Biżżejjed żmien qabel id-data stipulata f'dik id-deċiżjoni, l-awtorità regolatorja nazzjonali tista' tiddeċiedi li tipposponi din id-data.

5. Fl-istess żmien tal-konsultazzjoni finali f'konformità mal-Artikolu 26, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha twettaq konsultazzjoni fuq il-prinċipji tal-mekkaniżmu ta' kumpens għal operatur ta' sistema ta' intertrażmissjoni msemmi fil-paragrafu 3 u l-konsegwenzi tiegħu fuq il-livelli tat-tariffi. Il-mekkaniżmu ta' kumpens għal operatur ta' sistema ta' intertrażmissjoni għandu jiġi applikat f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE u ppubblikat flimkien mar-rispons tal-konsultazzjoni rċevut.

6. Il-prezz ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 22(1) għandu jiġi kkalkulat kif stipulat fih. Fejn jiġi applikat il-paragrafu 2, jitwettqu ż-żewġ kalkoli li ġejjin:

- (a) il-kalkolu stipulat fl-Artikolu 22(1) għandu jitwettqa minn kull operatur tas-sistema ta' trażmissjoni involut;
- (b) il-medja mkejla tal-valuri li jirriżultaw imsemmija fil-punt (a) għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-formula stipulata fl-Artikolu 22(1)(b), *mutatis mutandis*.

7. Il-konsultazzjoni finali msemmija fl-Artikolu 26 għandha titmexxa mill-operaturi kollha tas-sistemi ta' trażmissjoni b'mod konġunt jew mill-awtorità regolatorja nazzjonali. Fejn japplika l-paragrafu 2, din il-konsultazzjoni għandha titmexxa minn kull operatur tas-sistema ta' trażmissjoni b'mod separat jew mill-awtorità regolatorja nazzjonali, skont kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali.

8. L-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 29 u 30 għandha tiġi ppubblikata fuq livell aggregat għall-operaturi kollha tas-sistemi ta' trażmissjoni involuti. Fejn jiġi applikat il-paragrafu 2, jitwettqu ż-żewġ azzjonijiet li ġejjin:

- (a) din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata individwalment għal kull operatur ta' sistema ta' trażmissjoni involut;
- (b) l-informazzjoni dwar il-qsim bejn id-dħul u l-ħruġ imsemmi fl-Artikolu 30(1)(b)(v)(2) għas-sistema ta' dħul u ħruġ għandha tiġi ppubblikata mill-awtorità regolatorja nazzjonali.

*Artikolu 11***Regoli għas-sistemi ta' dħul u ħruġ li jkopru aktar minn Stat Membru wieħed fejn aktar minn operatur wieħed ta' sistema ta' trażmissjoni huwa attiv**

L-istess metodoloġija ta' prezz ta' referenza tista' tiġi applikata b'mod konġunt jew b'mod separat jew metodoloġiji differenti ta' prezz ta' referenza jistgħu jiġu applikati b'mod separat meta aktar minn operatur wieħed ta' sistema ta' trażmissjoni huwa attiv f'sistema ta' dħul u ħruġ li tkopri aktar minn Stat Membru wieħed.

## KAPITOLU III

**PREZZIJJET TA' RIŻERVA***Artikolu 12***Dispożizzjonijiet Ġenerali**

1. Għall-prodotti annwali ta' kapaċità standard għall-kapaċità kostanti, il-prezzijiet ta' referenza għandhom jintużaw bħala prezzijiet ta' riżerva. Għall-prodotti mhux annwali ta' kapaċità standard għall-kapaċità kostanti, il-prezzijiet ta' riżerva għandhom jiġu kkalkulati kif stipulat f'dan il-Kapitolu. Għall-prodotti kemm annwali kif ukoll mhux annwali ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli, il-prezzijiet ta' riżerva għandhom jiġu kkalkulati kif stipulat f'dan il-Kapitolu. Il-livelli tal-multiplikaturi u tal-fatturi staġunali, stipulati f'konformità mal-Artikolu 13, u l-livell tal-iskontijiet għall-prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli, stipulati f'konformità mal-Artikolu 16, jistgħu jkunu differenti fil-punti ta' interkonnessjoni.

2. Fejn il-perjodu tat-tariffi u s-sena tal-gass ma jaqblux, jistgħu jiġu applikati prezzijiet ta' riżerva separati, rispettivamente:

- (a) għall-perjodu ta' żmien mill-1 ta' Ottubru sal-aħħar tal-perjodu tariffarju prevalenti; kif ukoll
- (b) għall-perjodu ta' żmien mill-bidu tal-perjodu tariffarju li jiġi wara l-perjodu tariffarju prevalenti sat-30 ta' Settembru.

3. Il-prezzijiet ta' riżerva rispettivi ppubblikati skont l-Artikolu 29 għandhom ikunu vinkolanti għas-sena tal-gass sussegwenti jew lil hinn mis-sena tal-gass sussegwenti fil-każ ta' prezz pagabbli fiss, u jibdew wara l-irkant ta' kull sena għall-kapaċità annwali, sakemm:

- (a) l-iskontijiet għall-prodotti ta' kapaċità standard ta' kuljum u ta' kull xahar għall-kapaċità interrompibbli jiġu kkalkulati mill-ġdid fil-perjodu tariffarju jekk il-probabbiltà tal-interruzzjoni msemmija fl-Artikolu 16 tinbidel b'aktar minn għoxrin fil-mija;
- (b) il-prezz ta' referenza jiġi kkalkulat mill-ġdid matul il-perjodu tariffarju minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali li fihom in-nuqqas ta' aġġustament tal-livelli tariffarji jqiegħed f'periklu l-operazzjoni tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.

*Artikolu 13***Livell tal-multiplikaturi u fatturi staġunali**

1. Il-livell tal-multiplikaturi għandu jaqa' fil-firxiet li ġejjin:

- (a) għall-prodotti ta' kapaċità standard trimestrali u għall-prodotti ta' kapaċità standard ta' kull xahar, il-livell tal-multiplikatur rispettiv għandu jkun mhux inqas minn 1, u mhux aktar minn 1,5;
- (b) għall-prodotti ta' kapaċità standard ta' kuljum u għall-prodotti ta' kapaċità standard tal-istess jum, il-livell tal-multiplikatur rispettiv għandu jkun mhux inqas minn 1, u mhux aktar minn 3. F'każijiet dovutament ġustifikati, il-livell tal-multiplikaturi rispettivi jista' jkun inqas minn 1, iżda oġġla minn 0, jew oġġla minn 3.

2. Meta japplikaw fatturi staġunali, il-medja aritmetika fuq is-sena tal-gass tal-prodott tal-multiplikatur applikabbli għall-prodott ta' kapaċità standard rispettiv u l-fatturi staġunali rilevanti għandhom ikunu fl-istess medda bħal dik tal-livell tal-multiplikaturi rispettivi stipulati fil-paragrafu 1.

3. Sal-1 ta' April 2023, il-livell massimu tal-multiplikaturi għall-prodotti ta' kapaċità standard ta' kuljum u għall-prodotti ta' kapaċità standard tal-istess jum għandu jkun ta' mhux aktar minn 1,5, jekk sal-1 ta' April 2021 l-Aġenzija toħroġ rakkomandazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 713/2009 li l-livell massimu tal-multiplikaturi għandu jtnaqqas għal dan il-livell. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tieħu kont tal-aspetti li ġejjin relatati mal-użu tal-multiplikaturi u l-fatturi staġunali qabel u mill-31 ta' Mejju 2019:

- (a) tibdil fil-mudelli tal-prenotazzjonijiet;
- (b) impatt fuq id-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni u l-irkupru tiegħu;
- (c) id-differenzi bejn il-livell tat-tariffi tat-trażmissjoni applikabbli għal żewġ perjodi tariffarji konsekuttivi;
- (d) is-sussidju reċiproku bejn l-utenti tan-netwerk li jkunu kkuntrattaw prodotti ta' kapaċità standard annwali u mhux annwali;
- (e) l-impatti fuq il-flussi transkonfinali.

#### Artikolu 14

##### **Kalkolu tal-prezzijiet ta' riżerva għal prodotti ta' kapaċità standard mhux annwali għall-kapaċità kostanti fin-nuqqas ta' fatturi staġunali**

Għall-prezzijiet ta' riżerva għall-prodotti ta' kapaċità standard mhux annwali għall-kapaċità kostanti għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

- (a) għall-prodotti ta' kapaċità standard trimestrali, għall-prodotti ta' kapaċità standard ta' kull xahar u l-prodotti ta' kapaċità standard ta' kuljum, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$P_{st} = (M \times T / 365) \times D$$

Fejn:

$P_{st}$  huwa l-prezz ta' riżerva tal-prodott ta' kapaċità standard;

M huwa l-livell tal-multiplikatur li jikkorrispondi mal-prodott ta' kapaċità standard rispettiv;

T huwa l-prezz ta' referenza;

D huwa t-tul tal-prodott ta' kapaċità standard rispettiv espress fi ġranet ta' gass.

Għas-snin biżestili, il-formula għandha tiġi aġġustata sabiex il-figura 365 tiġi sostitwita bil-figura 366.

- (b) għall-prodotti ta' kapaċità standard tal-istess jum, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$P_{st} = (M \times T / 8760) \times H$$

Fejn:

$P_{st}$  huwa l-prezz ta' riżerva tal-prodott ta' kapaċità standard tal-istess jum;

M huwa l-livell tal-multiplikatur korrespondenti;

T huwa l-prezz ta' referenza;

H huwa t-tul tal-prodott ta' kapaċità standard tal-istess jum espress f'sigħat.

Għas-snin biżestili, il-formula għandha tiġi aġġustata sabiex il-figura 8760 tiġi sostitwita bil-figura 8784.

#### Artikolu 15

##### **Kalkolu tal-prezzijiet ta' riżerva għal prodotti ta' kapaċità standard mhux annwali għall-kapaċità kostanti b'fatturi staġunali**

1. Meta jiġu applikati fatturi staġunali, il-prezzijiet ta' riżerva għall-prodotti ta' kapaċità standard mhux annwali għall-kapaċità kostanti għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-formuli rilevanti stipulati fl-Artikolu 14, imbagħad jiġu multiplikati mill-fattur staġunali rispettiv ikkalkulat kif stipulat fil-paragrafi 2 sa 6.

2. Il-metodoloġija stipulata fil-paragrafu 3 għandha tkun ibbażata fuq il-flussi previsti, sakemm il-kwantità tal-fluss tal-gass għal tal-inqas xahar tkun daqs 0. F'dan il-każ, il-metodoloġija għandha tkun ibbażata fuq il-kapaċità kuntrattata mbassra.

3. Għall-prodotti ta' kapaċità standard ta' kull xahar għall-kapaċità kostanti, il-fatturi staġunali għandhom jiġu kkalkulati bil-passi li ġejjin:

- (a) għal kull xahar fi żmien sena ta' gass speċifika l-użu tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-flussi previsti jew kapaċità kuntrattata mbassra bl-użu ta':
  - (i) d-dejta għall-punt ta' interkonnessjoni individwali, fejn il-fatturi staġunali huma kkalkulati għal kull punt ta' interkonnessjoni;
  - (ii) id-dejta medja dwar il-flussi previsti jew il-kapaċità kuntrattata mbassra, fejn il-fatturi staġunali huma kkalkulati għal uħud mill-punti ta' interkonnessjoni jew kollha kemm huma.
- (b) il-valuri li jirriżultaw imsemmija fil-punt (a) għandhom jingħaddu flimkien;
- (c) ir-rata tal-użu għandha tiġi kkalkulata billi jiġi diviż kull wieħed mill-valuri li jirriżulta msemija fil-punt (a) mill-valur li jirriżulta msemmi fil-punt (b);
- (d) kull wieħed mill-valuri li jirriżultaw imsemmija fil-punt (c) għandu jiġi multiplikat bi 12. Fejn il-valuri li jirriżultaw ikunu 0, dawn il-valuri għandhom jiġu aġġustati għall-aktar valur baxx minn dawn li ġejjin: 0,1 jew l-iktar valur baxx mill-valuri li jirriżultaw, għajr 0;
- (e) il-livell inizjali tal-fatturi staġunali rispettivi għandu jiġi kkalkulat billi kull wieħed mill-valuri li jirriżultaw imsemmija fil-punt (d) jogħla għall-istess qawwa li hija mhux inqas minn 0 u mhux aktar minn 2;
- (f) għandhom jiġu kkalkulati l-medja aritmetika tal-prodotti tal-valuri li jirriżultaw imsemmija fil-punt (e) u l-multiplikatur għall-prodotti ta' kapaċità standard ta' kull xahar;
- (g) il-valur li jirriżulta u li huwa msemmi fil-punt (f) għandu jiġi mqabbel mal-medda msemija fl-Artikolu 13(1), kif ġej:
  - (i) jekk dan il-valur jaqsa f'din il-medda, il-livell tal-fatturi staġunali għandu jkun ugwali għall-valuri li jirriżultaw rispettivi msemija fil-punt (e);
  - (ii) jekk dan il-valur ma jaqax f'din il-medda, għandu japplika l-punt (h).
- (h) il-livell tal-fatturi staġunali għandu jiġi kkalkulat bħala l-prodott tal-valuri riżultanti rispettivi msemija fil-punt (e) u l-fattur tal-korrezzjoni kkalkulat kif ġej:
  - (i) fejn il-fattur li jirriżulta msemmi fil-punt (f) huwa aktar minn 1,5, il-fattur ta' korrezzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala 1,5 diviż minn dan il-valur;
  - (ii) fejn il-fattur li jirriżulta msemmi fil-punt (f) huwa aktar minn 1, il-fattur ta' korrezzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala 1 diviż minn dan il-valur.

4. Għall-prodotti ta' kapaċità standard ta' kuljum għall-kapaċità kostanti u prodotti ta' kapaċità standard tal-istess jum għall-kapaċità kostanti, il-fatturi staġunali għandhom jiġu kkalkulati billi jitwettqu l-passi stipulati fil-paragrafu 3(f) sa (h), *mutatis mutandis*.

5. Għall-prodotti ta' kapaċità standard trimestrali għall-kapaċità kostanti, il-fatturi staġunali għandhom jiġu kkalkulati bil-passi sekwenzjali kif ġej:

- (a) il-livell inizjali tal-fatturi staġunali rispettivi għandu jiġi kkalkulat bħala wieħed minn dawn li ġejjin:
  - (i) daqs il-medja aritmetika tal-fatturi staġunali rispettivi applikabbli għal tliet xhur rilevanti;
  - (ii) mhux inqas mill-iktar livell baxx u mhux iktar mill-ogħla livell ta' fatturi staġunali rispettivi applikabbli għat-tliet xhur rilevanti.

(b) il-passi stipulati fil-paragrafu 3(f) sa (h) għandhom jitwettqu, bl-użu tal-valuri li jirriżultaw imsemmija fil-punt (a), *mutatis mutandis*.

6. Għall-prodotti ta' kapaċità standard mhux annwali għall-kapaċità kostanti, il-valuri li jirriżultaw mill-kalkolu msemmi fil-paragrafi 3 sa 5 jistgħu jiġu mqarriba.

#### Artikolu 16

### Kalkolu tal-prezzijiet ta' riżerva għal prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli

1. Il-prezzijiet ta' riżerva għall-prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli għandhom jiġu kkalkulati billi jiġu mmultiplikati l-prezzijiet ta' riżerva tal-prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità kostanti rispettivi kkalkulati kif stipulat fl-Artikoli 14 jew 15, kif rilevanti, bid-differenza bejn 100 % u l-livell ta' skont ex-ante kkalkulat kif stipulat fil-paragrafi 2 u 3.

2. L-iskont ex-ante għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$D_{\text{ex-ante}} = \text{Pro} \times A \times 100 \%$$

Fejn:

$D_{\text{ex-ante}}$  huwa l-livell tal-iskont ex-ante;

Pro fattur huwa l-probabbiltà tal-interruzzjoni, li huwa stabbilit jew approvat f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 73/2009/KE skont l-Artikolu 28, u li jirreferi għat-tip ta' prodott ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli;

A huwa l-fattur ta' aġġustament, li jiġi stipulat jew approvat f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE skont l-Artikolu 28, applikat biex jirrifletti l-valur ekonomiku stmat tat-tip ta' prodott ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli, ikkalkulata għal kull wieħed, uħud minn jew il-punti kollha ta' interkonnessjoni, li għandu jkun ta' mhux inqas minn 1.

3. Il-fattur Pro imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi kkalkulat għal kull, uħud minn jew għall-punti kollha ta' interkonnessjoni għal kull tip ta' prodott ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli offrut f'konformità mal-formola li ġejja abbażi tal-informazzjoni mbassra relatata mal-komponenti ta' din il-formola:

$$\text{Pro} = \frac{N \times D_{\text{int}}}{D} \times \frac{\text{CAP}_{\text{av.int}}}{\text{CAP}}$$

Fejn:

N hija t-bassira tan-numru ta' interruzzjonijiet fuq D;

$D_{\text{int}}$  huwa t-tul medju tal-interruzzjonijiet mistennija espress f'sigħat;

D huwa t-tul totali tat-tip ta' prodott ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli rispettiv espress f'sigħat;

$\text{CAP}_{\text{av.int}}$  huwa l-ammont medju mbassar ta' kapaċità interrotta għal kull interruzzjoni fejn dan l-ammont huwa relatat mat-tip rispettiv ta' prodott ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli;

CAP huwa l-ammont totali ta' kapaċità interrompibbli għat-tip rispettiv ta' prodott ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli.

4. Bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-iskontijiet ex-ante f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtorità regolatorja nazzjonali tista' tiddeċiedi li tapplika skont ex-post, fejn l-utenti tan-netwerk jiġu kkompensati wara li jkunu sehew l-interruzzjonijiet attwali. Dan l-iskont ex-post jista' jintuża biss f'punti ta' interkonnessjoni fejn ma hemm ebda interruzzjoni tal-kapaċità minħabba l-konġestjoni fiżika fis-sena tal-gass preċedenti.

Il-kumpens ex-post imħallas għal kull jum li fih tkun seħħet interruzzjoni għandu jkun bejn indaqs għal tliet darbiet il-prezz ta' riżerva tal-prodotti ta' kapaċità standard ta' kuljun għall-kapaċità kostanti.

## KAPITOLU IV

## RIKONĊILJAZZJONI TAD-DĦUL

## Artikolu 17

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Fejn u safejn ikun possibbli li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jiffunzjona bħala parti minn reġim mingħajr regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) l-irkupru insuffiċjenti jew l-irkupru żejjed tad-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni għandu jiġi minimizzat b'rigward dovut għall-investimenti neċessarji;
- (b) il-livell tat-tariffi tat-trażmissjoni għandu jiżgura li d-dħul mis-servizzi tat-trażmissjoni jiġi rkuprat mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni fi żmien xieraq;
- (c) għandu jiġi evitat, safejn ikun possibbli, li jkun hemm differenzi sinifikanti bejn il-livelli tat-tariffi tat-trażmissjoni applikabbli għal żewġ perjodi tariffarji konsekuttivi.

2. Meta u safejn ikun possibbli li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jiffunzjona bħala parti minn reġim ta' regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet jew japplika approċċ ta' prezz pagabbli fiss stabbilit fl-Artikolu 24(b), ma għandha ssir ebda rikonċiljazzjoni tad-dħul u r-riskji kollha relatati mal-irkupru insuffiċjenti jew żejjed għandhom jiġu koperti esklużivament mil-primjum tar-riskju. F'dawn il-każijiet, l-Artikoli 18, 19(1) sa (4) u 20 ma għandhomx japplikaw.

3. Soġġett għar-rekwiżiti tal-konsultazzjonijiet perjodiċi skont l-Artikolu 26 u soġġett għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE, id-dħul mis-servizzi mhux ta' trażmissjoni jista' jiġi rikonċiljat kif stipulat f'dan il-Kapitolu, mutatis mutandis.

## Artikolu 18

## Irkupru insuffiċjenti u rkupru żejjed

1. L-irkupru insuffiċjenti jew l-irkupru żejjed tad-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni għandu jkun ugwali għal:

$$R_A - R$$

Fejn:

$R_A$  huwa d-dħul attwalment miksub relatat mal-għoti ta' servizzi ta' trażmissjoni;

R huwa d-dħul mis-servizzi ta' trażmissjoni.

Il-valuri ta'  $R_A$  and R għandhom ikunu attribwiti għall-istess perjodu tariffarju u, fejn ikun hemm stabbilit mekkaniżmu ta' kumpens għal operatur ta' sistema ta' intertrażmissjoni msemmi fl-Artikolu 10(3), għandhom iqisu dan il-mekkaniżmu.

2. Meta d-differenza kkalkulata f'konformità mal-paragrafu 1 hija pożittiva, għandha tindika rkupru żejjed tad-dħul mis-servizzi ta' trażmissjoni. Meta din d-differenza tkun negattiva, għandha tindika rkupru insuffiċjenti tad-dħul mis-servizzi ta' trażmissjoni.

## Artikolu 19

## Kont regolatorju

1. Il-kont regolatorju għandu jindika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) għal perjodu ta' tariffa speċifiku u għandu jinkludi informazzjoni oħra, bħad-differenza bejn il-komponenti tal-ispiża antiċipati u attwali.

2. L-irkupru insuffiċjenti jew żejjed tad-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jiġi attribwit lill-kont regolatorju, sakemm ma jiddaħħlux fis-seħħ regoli oħrajn f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE.

3. Meta l-mekkaniżmi għall-inċentivi għall-bejgħ tal-kapaċità jiġu implimentati, soġġett għal deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 73/2009/KE, parti biss mill-irkupru insuffiċjenti jew żejjed ta' operatur ta' trażmissjoni għandu jiġi attribwit lill-kont regolatorju. F'dan il-każ, il-parti residwali tiegħu għandha tinżamm jew titħallas, skont kif relevanti, mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.



4. Kull operatur ta' sistema ta' trażmissjoni għandu juża kont regolatorju wieħed.
5. Soġġett għad-deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE, il-primjum tal-irkant miksub, jekk ikun hemm, jista' jiġi attribwit għal kont speċifiku separat mill-kont regolatorju msemmi fil-paragrafu 4. L-awtorità regolatorja nazzjonali tista' tiddeċiedi li tuża dan il-primjum tal-irkant għat-tnaqqis tal-konġestjoni fiżika jew, fejn l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jiffunzjona biss b'hal parti minn reġim mingħajr regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet, li jnaqqas it-tariffi tat-trażmissjoni għall-perjodu(i) tariffarju(i) sussegwenti kif stipulat fl-Artikolu 20.

#### Artikolu 20

### Rikonċiljazzjoni tal-kont regolatorju

1. Ir-rikonċiljazzjoni sħiħa jew parzjali tal-kont regolatorju għandha titwettaq f'konformità mal-metodoloġija applikata tal-prezz ta' referenza u, barra minn hekk, bl-użu tal-imposta msemmija fl-Artikolu 4(3)(b), jekk din tiġi applikata.
2. Ir-rikonċiljazzjoni tal-kont regolatorju għandha titwettaq f'konformità mar-regoli maħruġa f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE fuq perjodu ta' rikonċiljazzjoni partikolari, li jfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-kont regolatorju msemmi fl-Artikolu 19 jista' jiġi rikonċiljat.
3. Il-kont regolatorju għandu jiġi rikonċiljat bl-għan li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jiġi rimborżat l-irkupru insuffiċjenti u li l-utenti tan-netwerk jingħataw lura l-irkupru żejjed.

#### KAPITOLU V

### L-IPPREZZAR TAL-KAPAĊITÀ RAGGRUPPATA U L-KAPAĊITÀ F'PUNTI TA' INTERKONNESSJONI VIRTUALI

#### Artikolu 21

### L-ipprezzar tal-kapaċità raggruppata

1. Il-prezz ta' riżerva għall-kapaċità raggruppata għandu jkun daqs l-ammont totali tal-prezzijiet ta' riżerva għall-kapaċitajiet li jikkontribwixxu lejn dan il-prodott. Il-prezzijiet ta' riżerva għall-kapaċitajiet ta' dħul u ħruġ korrespondenti għandhom jiġu magħmula disponibbli meta l-prodott ta' kapaċità raggruppata jiġi offrut u allokat permezz ta' pjattaforma ta' prenotazzjoni konġunta msemmija fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2017/459.
2. Id-dħul li joriġina mill-bejgħ tal-prodotti tal-kapaċità raggruppata li jikkorrespondu mal-prezz ta' riżerva għal dan il-prodott għandhom jiġu attribwiti għall-operaturi rispettivi tas-sistema ta' trażmissjoni kif ġej:
  - (a) wara kull tranżazzjoni għal prodott ta' kapaċità raggruppata;
  - (b) f'proporzjon mal-prezzijiet ta' riżerva għall-kapaċitajiet li jikkontribwixxu lejn dan il-prodott.
3. Il-primjum tal-irkant li joriġina mill-bejgħ tal-prodotti tal-kapaċità raggruppata għandhom jiġu attribwiti f'konformità mal-ftehim bejn l-operaturi rispettivi tas-sistemi ta' trażmissjoni li huma soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità jew awtoritajiet regolatorji nazzjonali li għandha tingħata mhux aktar minn tliet xhur qabel il-bidu tal-irkant ta' kull sena tal-kapaċità annwali. Fin-nuqqas ta' tali approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kollha involuti, il-primjum tal-irkant għandu jiġi attribwit b'mod indaqs lill-operaturi kollha rispettivi tas-sistemi ta' trażmissjoni.
4. Fejn il-punt ta' interkonnessioni kkonċernat jgħaqqad sistemi ta' dħul u ħruġ maġenb xulxin ta' proprjetà ta' żewġ Stati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rispettivi għandhom jippreżentaw il-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 lill-Aġenzija għall-informazzjoni.

#### Artikolu 22

### L-ipprezzar tal-kapaċità f'punt ta' interkonnessioni virtuali

1. Il-prezz ta' riżerva għall-prodott ta' kapaċità standard mhux raggruppat offrut f'punt ta' interkonnessioni virtuali għandu jiġi kkalkulat f'konformità ma' kwalunkwe wieħed minn dawn l-approċċi li ġejjin:
  - (a) abbażi tal-prezz ta' referenza, fejn il-metodoloġija tal-prezz ta' referenza applikata tippermetti li jiġi kkunsidrat il-punt stabbilit ta' interkonnessioni virtuali;

- (b) indaqs mal-medja mkejla tal-prezzijiet ta' riżerva, fejn din il-medja tiġi kkalkulata abbażi tal-prezzijiet ta' referenza għal kull punt ta' interkonnessjoni li jikkontribwixxi lejn tali punt ta' interkonnessjoni virtwali, fejn il-metodoloġja tal-prezzijiet ta' referenza applikata ma tippermettix li jittieħed kont tal-punt stabbilit ta' interkonnessjoni virtwali, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$P_{st, VIP} = \frac{\sum_i^n (P_{st,i} \times CAP_i)}{\sum_i^n CAP_i}$$

Fejn:

$P_{st, VIP}$  huwa l-prezz ta' riżerva għal prodott speċifiku ta' kapaċità standard mhux raggruppat fil-punt ta' interkonnessjoni virtwali;

$i$  huwa punt ta' interkonnessjoni li jikkontribwixxi lejn il-punt ta' interkonnessjoni virtwali;

$n$  huwa n-numru ta' punti ta' interkonnessjoni li jikkontribwixxu lejn il-punt ta' interkonnessjoni virtwali;

$P_{st, i}$  huwa l-prezz ta' riżerva għal prodott speċifiku ta' kapaċità standard mhux raggruppat fil-punt ta' interkonnessjoni  $i$ ;

$CAP_i$  huwa l-kapaċità teknika jew il-kapaċità kuntrattata prevista, skont kif rilevanti, fil-punt ta' interkonnessjoni  $i$ .

2. Il-prezz ta' riżerva għall-prodott ta' kapaċità standard raggruppat offrut f'punt ta' interkonnessjoni virtwali għandu jiġi kkalkulat kif stabbilit fl-Artikolu 21(1).

## KAPITOLU VI

### IL-PREZZ TA' APPROVAZZJONI U L-PREZZ PAGABBLI

#### Artikolu 23

#### Il-kalkolu tal-prezz ta' approvazzjoni f'punti ta' interkonnessjoni

Il-prezz ta' approvazzjoni għall-prodott ta' kapaċità standard speċifiku f'punt ta' interkonnessjoni għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$P_{cl} = P_{R,au} + AP$$

Fejn:

$P_{cl}$  huwa l-prezz ta' approvazzjoni;

$P_{R,au}$  huwa l-prezz ta' riżerva applikabbli għal prodott ta' kapaċità standard li huwa ppubblikat fi żmien meta l-prodott qed jiġi rkantat;

AP huwa l-primjum tal-irkant, jekk ikun hemm.

#### Artikolu 24

#### Il-kalkolu tal-prezz pagabbli f'punti ta' interkonnessjoni

Il-prezz pagabbli għall-prodott ta' kapaċità standard speċifiku f'punt ta' interkonnessjoni għandu jiġi kkalkulat f'konformità ma' waħda mill-formuli li ġejjin:

- (a) fejn jiġi applikat l-approċċ ta' prezz pagabbli varjabbli:

$$P_{flo} = P_{R,flo} + AP$$

Fejn:

$P_{flo}$  huwa l-prezz pagabbli varjabbli;

$P_{R,flo}$  huwa l-prezz ta' riżerva applikabbli għal prodott ta' kapaċità standard fi żmien meta l-prodott jista' jiġi użat;

AP huwa l-primjum tal-irkant, jekk ikun hemm.

(b) fejn jiġi applikat l-approċċ ta' prezz pagabbli fiss:

$$P_{\text{fix}} = (P_{R,y} \times \text{IND}) + \text{RP} + \text{AP}$$

Fejn:

$P_{\text{fix}}$  huwa l-prezz pagabbli fiss;

$P_{R,y}$  huwa l-prezz ta' riżerva applikabbli għal prodott ta' kapaċità standard annwali li huwa ppubblikat fi żmien meta l-prodott qed jiġi rkantat;

IND huwa l-proporzjon bejn l-indiċi magħżul fil-ħin tal-użu u l-istess indiċi fil-ħin meta l-prodott ġie rkantat;

RP huwa l-primjum tar-riskju li jirrifletti l-benefiċċji taċ-ċertezza fir-rigward tal-livell tat-tariffa tat-trażmissjoni, fejn dan il-primjum m'għandux ikun inqas minn 0;

AP huwa l-primjum tal-irkant, jekk ikun hemm.

#### Artikolu 25

### Kundizzjonijiet għall-offerta tal-approċċi ta' prezz pagabbli

1. Fejn u safejn ikun possibbli li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jiffunzjona bħala parti minn reġim mingħajr regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet, il-kundizzjonijiet għall-offerta tal-approċċi ta' prezz pagabbli għandhom ikunu kif ġej:

(a) għal każijiet meta tiġi offruta biss il-kapaċità eżistenti:

(i) l-approċċ ta' prezz pagabbli varjabbli għandu jiġi offrut;

(ii) l-approċċ ta' prezz pagabbli fiss m'għandux jiġi permess.

(b) għall-kapaċità inkrementali u l-kapaċità eżistenti offruta fl-istess irkant jew l-istess mekkaniżmu ta' allokkazzjoni alternattiva:

(i) l-approċċ ta' prezz pagabbli varjabbli jista' jiġi offrut;

(ii) l-approċċ ta' prezz fiss pagabbli jista' jiġi offrut meta kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tiġi ssodisfata:

(1) jintuża l-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni alternattiva stabbilit fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2017/459.;

(2) il-proġett ikun inkluż fil-lista ta' proġetti ta' interess komuni tla-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

2. Fejn u safejn ikun possibbli li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jiffunzjona bħala parti minn reġim ta' regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet, l-approċċ ta' prezz pagabbli varjabbli jew prezz pagabbli fiss, jew it-tnejn li huma, jista' jiġi offrut.

#### KAPITOLU VII

### REKWIŻITI TA' KONSULTAZZJONI

#### Artikolu 26

### Konsultazzjoni perjodika

1. Għandhom isiru konsultazzjoni waħda jew aktar mill-awtorità nazzjonali regolatorja jew mill-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni, skont kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali. Safejn ikun possibbli u sabiex il-proċess ta' konsultazzjoni jsir aktar effettiv, id-dokument ta' konsultazzjoni għandu jiġi ppubblikat fil-lingwa Ingliża. Il-konsultazzjoni finali qabel id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 27(4) għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 27, u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-deskrizzjoni tal-metodoloġija ta' prezz ta' referenza proposta kif ukoll dawn li ġejjin:

(i) l-informazzjoni indikattiva stabbilita fl-Artikolu 30(1)(a) li tinkludi:

(1) il-ġustifikazzjoni tal-parametri użati li huma relatati mal-karatteristiki tekniċi tas-sistema;

(2) l-informazzjoni korrispondenti dwar il-valuri rispettivi għal dawn il-parametri u l-assunzjonijiet li ġew applikati.

(\* Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

- (ii) il-valur tal-aġġustamenti proposti għat-tariffi ta' trażmissjoni bbażati fuq il-kapaċità skont l-Artikolu 9;
  - (iii) il-prezzijiet ta' referenza indikattivi soġġetti għall-konsultazzjoni;
  - (iv) ir-riżultati, il-komponenti u d-dettalji ta' dawn il-komponenti għall-valutazzjonijiet tal-allokkazzjoni tal-ispejjeż stabbiliti fl-Artikolu 5;
  - (v) il-valutazzjoni tal-metodoloġija ta' prezz ta' referenza f'konformità mal-Artikolu 7;
  - (vi) fejn il-metodoloġija tal-prezz ta' referenza proposta hija differenti mill-metodoloġija ta' prezz ta' referenza tal-kapaċità bbażata fuq id-distanza dettaljata fl-Artikolu 8, il-paragun tagħha ma' din tal-aħħar akkumpanjata bl-informazzjoni stabbilita fil-punt (iii);
- (b) l-informazzjoni indikattiva stabbilita fl-Artikolu 30(1)(b)(i), (iv), (v);
- (c) l-informazzjoni li ġeja dwar it-tariffi ta' trażmissjoni u non-trażmissjoni:
- (i) fejn jiġu proposti t-tariffi ta' trażmissjoni bbażati fuq il-komodità msemmija fl-Artikolu 4(3):
    - (1) il-manjiera li bih ġew stabbiliti;
    - (2) il-porzjon tad-dħul permess jew fil-mira li għandu jiġi rkuprat minn dawn it-tariffi;
    - (3) it-tariffi ta' trażmissjoni indikattivi bbażati fuq il-komodità;
  - (ii) fejn jiġu proposti servizzi mhux ta' trażmissjoni pprovduti lill-utenti tan-netwerk:
    - (1) il-metodoloġija għat-tariffi tas-servizzi ta' nontrażmissjoni;
    - (2) il-porzjon tad-dħul permess jew fil-mira li għandu jiġi rkuprat minn dawn it-tariffi;
    - (3) il-mod li bih jiġi rikonċiljat id-dħul mis-servizzi assoċjati mhux ta' trażmissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 17(3);
    - (4) it-tariffi indikattivi għas-servizzi mhux ta' trażmissjoni pprovduti lill-utenti tan-netwerk;
- (d) l-informazzjoni indikattiva stabbilita fl-Artikolu 30(2);
- (e) meta l-approċċ tal-prezz fiss pagabbli msemmi fl-Artikolu 24(b) huwa kkunsidrat li jiġi offrut bħala parti minn reġim ta' regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet għall-kapaċità eżistenti:
- (i) l-indiċi propost;
  - (ii) il-kalkolu propost u kif jintuża d-dħul derivat mill-primjum tar-riskju;
  - (iii) fliem punt(i) ta' interkonnessjoni u għal liema perjodu/i tariffarju/i qed jiġi propost dan l-approċċ;
  - (iv) il-proċess tal-offerta tal-kapaċità f'punt ta' interkonnessjoni fejn qed jiġu proposti l-approċċi tal-prezz pagabbli kemm fiss kif ukoll varjabbli msemmija fl-Artikolu 24.
2. Il-konsultazzjoni finali qabel id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 27(4) għandha tkun miftuħa għal mill-inqas xahrejn. Id-dokumenti ta' konsultazzjoni għal kwalunkwe mill-konsultazzjonijiet li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 jistgħu jeħtieġu li t-tweġibiet ippreżentata frispons għall-konsultazzjoni jinkludu verżjoni mhux kunfidenzjali xierqa għall-pubblikazzjoni.
3. Fi żmien xahar mit-tmien tal-konsultazzjoni, l-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni jew l-awtorità nazzjonali regolatorja, skont l-entità li tippubblika d-dokument ta' konsultazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, għandha tippubblika r-rispons għall-konsultazzjoni li tkun irċeviet u s-sommarju tiegħu. Safejn ikun possibbli u sabiex il-proċess ta' konsultazzjoni jsir aktar effettiv, is-sommarju għandu jiġi pprovdut fil-lingwa Ingliża.
4. Il-konsultazzjonijiet perjodiċi sussegwenti għandhom jingħalqu f'konformità mal-Artikolu 27(5).
5. Wara li tikkonsulta man-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass (minn hawn 'il quddiem "ENTSOG"), l-Aġenzija għandha tiżviluppa mudell għad-dokument ta' konsultazzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Dan il-mudell għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali regolatorji u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni fi żmien 90 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament qabel il-5 ta' Lulju 2017.

## Artikolu 27

**Teħid perjodiku tad-deċiżjonijiet mill-awtorità regolatorja nazzjonali**

1. Mal-ftuħ tal-konsultazzjoni finali skont l-Artikolu 26 qabel id-deċiżjoni msemija fl-Artikolu 27(4), l-awtorità regolatorja nazzjonali jew l-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni, kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali, għandhom jibagħtu d-dokumenti tal-konsultazzjoni lill-Aġenzija.
2. L-Aġenzija għandha tanalizza l-aspetti li ġejjin tad-dokument ta' konsultazzjoni:
  - (a) jekk ġietx ippubblikata l-informazzjoni kollha msemija fl-Artikolu 26(1);
  - (b) jekk l-elementi li dwarhom saret konsultazzjoni f'konformità mal-Artikolu 26 jikkonformawx mar-rekwiżiti li ġejjin:
    - (1) jekk il-metodoloġija tal-prezz ta' referenza tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7;
    - (2) jekk ġewx issodisfati l-kriterji għall-istabbiliment ta' tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-komodità kif stipulat fl-Artikolu 4(3);
    - (3) jekk ġewx issodisfati l-kriterji għall-istabbiliment ta' tariffi mhux ta' trażmissjoni kif stipulat fl-Artikolu 4(4).
3. Fi żmien xahrejn wara t-tmiem tal-konsultazzjoni msemija fil-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tippubblika u tibgħat lill-awtorità regolatorja nazzjonali jew l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, skont liema entità ppubblikat id-dokument ta' konsultazzjoni, kif ukoll lill-Kummissjoni l-konklużjoni tal-analiżi tagħha f'konformità mal-paragrafu 2 bl-Ingliż.

L-Aġenzija għandha tippreżerva l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni kummerċjalment sensitiva.

4. Fi żmien ħames xhur mit-tmiem tal-konsultazzjoni finali l-awtorità regolatorja nazzjonali, li taġixxi f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE, għandha tieħu u tippubblika deċiżjoni motivata fuq l-entrati kollha stipulati fl-Artikolu 26(1). Mal-pubblikazzjoni, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tibgħat id-deċiżjoni tagħha lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni.
5. Il-proċedura tikkonsisti fil-konsultazzjoni finali dwar il-metodoloġija ta' prezz ta' referenza f'konformità mal-Artikolu 26, id-deċiżjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali f'konformità mal-paragrafu 4, il-kalkolu tat-tariffi abbażi ta' din id-deċiżjoni, u l-pubblikazzjoni tat-tariffi f'konformità mal-Kapitolu VIII tista' tinbeda mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandha tiġi konkluża mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2019. Ir-rekwiżiti stipulati fil-Kapitoli II, III u IV għandhom jiġu kkunsidrati f'din il-proċedura. It-tariffi applikabbli għall-perjodu tariffarju prevalenti fil-31 ta' Mejju 2019 għandhom ikunu applikabbli sat-tmiem tiegħu. Din il-proċedura għandha tiġi ripetuta tal-inqas kull ħames snin li jibdev mill-31 ta' Mejju 2019.

## Artikolu 28

**Konsultazzjoni dwar skontijiet, multiplikaturi u fatturi staġjonali**

1. Fl-istess żmien tal-konsultazzjoni finali mwettqa f'konformità mal-Artikolu 26(1), l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha ttwettaq konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri kollha konnessi b'mod dirett u mal-partijiet interessati kollha dwar dawn li ġejjin:
  - (a) il-livell tal-multiplikaturi;
  - (b) jekk ikunu applikabbli, il-livell tal-fatturi staġjonali u l-kalkolazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 15;
  - (c) il-livell tal-iskontijiet stipulati fl-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 16.

Wara t-tmiem tal-konsultazzjoni għandha tittieħed deċiżjoni motivata f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE dwar l-aspetti msemija fil-punti (a) sa (c) ta' dan il-paragrafu. Kull awtorità regolatorja nazzjonali għandha tqis il-pożizzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri kollha konnessi b'mod dirett.

2. Il-konsultazzjonijiet sussegwenti għandhom jitwettqu f'kull perjodu tariffarju mid-data tad-deċiżjoni msemija fil-paragrafu 1. Wara kull konsultazzjoni u kif stipulat fl-Artikolu 32(a), l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tieħu u tippubblika deċiżjoni motivata dwar l-aspetti msemija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c).

3. Fl-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tiegħu kont tar-rispons irċevut mill-konsultazzjoni u tal-aspetti li ġejjin:

(a) għall-multiplikaturi:

- (i) il-bilanċ bejn il-faċilitazzjoni tal-kummerċ tal-gass fuq żmien qasir u l-għoti ta' sinjali fit-tul għall-investiment effiċjenti fis-sistema ta' trażmissjoni;
- (ii) l-impatt fuq id-dħul tas-servizzi ta' trażmissjoni u l-irkupru tiegħu;
- (iii) il-ħtieġa li jiġi evitat is-sussidju reċiproku bejn l-utenti tan-netwerk u t-titjib tar-riflettività tal-kost tal-prezzijiet ta' riżerva;
- (iv) is-sitwazzjonijiet ta' konġestjoni fiżika u kuntrattwali;
- (v) l-impatti fuq il-flussi transkonfinali;

(b) għal fatturi staġunali:

- (i) l-impatt tal-faċilitazzjoni tal-użu ekonomiku u effiċjenti tal-infrastruttura;
- (ii) il-ħtieġa li titjeb ir-riflettività tal-kost tal-prezzijiet ta' riżerva.

#### KAPITLU VIII

### REKWIŻITI TA' PUBBLIKAZZJONI

#### Artikolu 29

#### **L-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata qabel l-irkant ta' kull sena għall-kapaċità annwali**

Għall-punti ta' interkonnessjoni u, fejn l-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu d-deċiżjoni li tapplika r-Regolament (UE) 2017/459, punti oħrajn ħlief għall-punti ta' interkonnessjoni, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppubblikata qabel l-irkant ta' kull sena għall-kapaċità annwali f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 31 u 32 mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew l-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni, kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali:

(a) għall-prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità kostanti:

- (i) il-prezzijiet ta' riżerva applikabbli tal-inqas sal-aħħar tas-sena tal-gass li tibda wara l-irkant ta' kull sena għall-kapaċità annwali;
- (ii) il-multiplikaturi u l-fatturi staġunali applikati għall-prezzijiet ta' riżerva tal-prodotti ta' kapaċità standard mhux annwali;
- (iii) il-ġustifikazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali għal-livell tal-multiplikaturi;
- (iv) meta japplikaw il-fatturi staġunali, il-ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni tagħhom.

(b) għall-prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli:

- (i) il-prezzijiet ta' riżerva applikabbli tal-inqas sal-aħħar tas-sena tal-gass li tibda wara l-irkant ta' kull sena għall-kapaċità annwali;
- (ii) valutazzjoni tal-probabbiltà tal-interruzzjoni li tinkludi:
  - (1) il-lista tat-tipi kollha ta' prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli offruta inkluża l-probabbiltà rispettiva tal-interruzzjoni u l-livell ta' skont applikat;
  - (2) l-ispjegazzjoni ta' kif il-probabbiltà tal-interruzzjoni hija kkalkulata għal kull tip ta' prodott imsemmi fil-punt (1);
  - (3) id-dejta storika jew imbassra, jew it-tnejn li huma, użata għall-istima tal-probabbiltà tal-interruzzjoni msemmija fil-punt (2).

## Artikolu 30

**Informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata qabel il-perjodu tariffarju**

1. L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppubblikata qabel il-perjodu tariffarju f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 31 u 32 mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew l-operatur(i) tas-sistema ta' trażmissjoni, kif deċiż mill-awtorità regolatorja nazzjonali:

- (a) l-informazzjoni dwar il-parametri użati fil-metodoloġija tal-prezz ta' referenza applikata li huma relatati mal-karatteristiki tekniċi tas-sistema ta' trażmissjoni, bħal:
- (i) il-kapaċità teknika fil-punti ta' dħul u l-ħruġ u l-assunzjonijiet assoċjati;
  - (ii) il-kapaċità teknika mbassra fil-punti ta' dħul u l-ħruġ u l-assunzjonijiet assoċjati;
  - (iii) il-kwantità u d-direzzjoni tal-fluss tal-gass għall-punti ta' dħul u l-ħruġ u l-assunzjonijiet assoċjati, bħax-xenarji ta' domanda u provvista għall-fluss tal-gass f'kundizzjonijiet ta' karga massima;
  - (iv) ir-rappreżentazzjoni strutturali tan-netwerk ta' trażmissjoni b'livell xieraq ta' dettall;
  - (v) l-informazzjoni teknika addizzjonali dwar in-netwerk ta' trażmissjoni, bħat-tul u d-dijametru tal-pipelines u l-qawwa tal-istazzjonijiet tal-kompressuri.
- (b) l-informazzjoni li ġejja:
- (i) id-dħul permess jew fil-mira, jew it-tnejn li huma, tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;
  - (ii) l-informazzjoni relatata mal-bidliet fid-dħul imsemmija fil-punt (i) minn sena għal oħra;
  - (iii) il-parametri li ġejjin:
    - (1) it-tipi ta' assi inklużi fil-bażi tal-assi rregolata u l-valur aggregat tagħhom;
    - (2) il-kost tal-kapital u l-metodoloġija tal-kalkolu tiegħu;
    - (3) l-infiq kapitali, inklużi:
      - (a) il-metodoloġiji li jiddeterminaw il-valur inizjali tal-assi;
      - (b) il-metodoloġiji biex jiġu vvalutati mill-ġdid l-assi;
      - (c) l-ispejjezzjonijiet tal-evoluzzjoni tal-valur tal-assi;
      - (d) il-perjodi ta' deprezzament u l-ammonti għal kull tip ta' assi.
    - (4) l-ispejjeż operattivi;
    - (5) il-mekkaniżmi ta' inċentiv u l-oġġettivi ta' effiċjenza;
    - (6) l-indiċi tal-inflazzjoni.
  - (iv) id-dħul mis-servizzi ta' trażmissjoni;
  - (v) il-proporzjon li ġej għad-dħul imsemmi fil-punt (iv):
    - (1) il-qsim bejn kapaċità u komodità, li tfisser id-dejta diżaggregata bejn id-dħul mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità u d-dħul mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażati fuq il-komodità;
    - (2) il-qsim bejn id-dħul u l-ħruġ, li tfisser id-dejta diżaggregata bejn id-dħul mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażata fuq il-kapaċità fil-punti kollha ta' dħul u d-dħul mit-tariffi ta' trażmissjoni bbażati fuq il-kapaċità fil-punti kollha ta' ħruġ;
    - (3) il-qsim bejn id-dħul intrasistemiku/intersistemiku, li tfisser id-dejta diżaggregata bejn id-dħul mill-użu intrasistemiku tan-netwerk fil-punti ta' dħul u ta' ħruġ u d-dħul mill-użu intersistemiku tan-netwerk kemm fil-punti ta' dħul kif ukoll fil-punti ta' ħruġ ikkalkulat kif stabbilit fl-Artikolu 5.

- (vi) fejn u sal-punt li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jiffunzjona bħala parti minn reġim mingħajr regolazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet, l-informazzjoni li ġejja dwar ir-rikonċiljazzjoni tal-kont regolatorju b'rabta mal-perjodu tariffarju preċedenti:
- (1) id-dħul attwalment miksub, l-irkupru insuffiċjenti jew żejded tad-dħul permess u l-parti minnu attribwita għall-kont regolatorju u, jekk applikabbli, is-subkontijiet fi ħdan l-istess kont regolatorju;
  - (2) il-perjodu ta' rikonċiljazzjoni u l-mekkaniżmi ta' inċentiv applikati.
- (vii) l-użu maħsub tal-primjum tal-irkant.
- (c) l-informazzjoni li ġejja dwar it-tariffi ta' trażmissjoni u non-trażmissjoni, akkumpanjata mill-informazzjoni rilevanti relatata mad-derivazzjoni tagħhom:
- (i) fejn applikati, it-tariffi tat-trażmissjoni bbażata fuq il-komodità msemmija fl-Artikolu 4(3);
  - (ii) fejn applikati, it-tariffi tan-non-trażmissjoni għas-servizzi mhux ta' trażmissjoni msemmija fl-Artikolu 4(4);
  - (iii) il-prezzijiet ta' referenza u prezzijiet oħrajn applikabbli f'punti li mhumiex daww imsemmija fl-Artikolu 29.
2. Barra minn hekk, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppubblikata fir-rigward tat-tariffi ta' trażmissjoni:
- (a) l-ispjegazzjoni ta' dan li ġej:
- (i) id-differenza fil-livell tat-tariffi ta' trażmissjoni għall-istess tip ta' servizz ta' trażmissjoni applikabbli għall-perjodu tariffarju prevalenti u għall-perjodu tariffarju li għalih ġiet ippubblikata l-informazzjoni;
  - (ii) id-differenza stmata fil-livell tat-tariffi tat-trażmissjoni għall-istess tip ta' servizz tat-trażmissjoni applikabbli għall-perjodu tariffarju li għalih ġiet ippubblikata l-informazzjoni u għal kull perjodu tariffarju fil-bqija tal-perjodu regolatorju.
- (b) tal-inqas mudell tariffarju simplifikat, aġġornat regolarment, akkumpanjat minn spjegazzjoni ta' kif għandu jintuża, li jippermetti lill-utenti tan-netwerk jikkalkulaw it-tariffi tat-trażmissjoni applikabbli għall-perjodu tariffarju prevalenti u jistmaw l-evoluzzjoni possibbli tagħhom lil hinn minn dan il-perjodu tariffarju.
3. Għall-punti esklużi mid-definizzjoni tal-punti rilevanti msemmija fil-punt 3.2(1)(a) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, l-informazzjoni dwar l-ammont tal-kapaċità kuntrattata prevista u l-kwantità mbassra tal-fluss tal-gass għandha tiġi ppubblikata kif stabbilit fil-punt 3.2(2) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.

### Artikolu 31

#### Forma tal-pubblikazzjoni

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 29 u 30 għandha tiġi ppubblikata kif stabbilit fl-Artikolu 32 permezz ta' hoġqa fuq il-pjattaforma msemmija fil-punt 3.1.1(1)(h) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 fuq is-sit web tal-entità rispettiva.

Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku, b'xejn u mingħajr ebda limitazzjoni fuq l-użu tagħha. Għandha tiġi ppubblikata:

- (a) bi stil faċli għall-utenti;
  - (b) b'mod ċar, aċċessibbli faċilment għall-użu u fuq bażi mhux diskrimintorja;
  - (c) f'format li tista' titniżżel mill-Internet;
  - (d) f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istati Membri u, sakemm waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ma tkunx l-Ingliż, safejn ikun possibbli, bl-Ingliż.
2. L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ppubblikata għall-punti tal-interkonnessjoni fil-pjattaforma msemmija fil-punt 3.1.1(1)(h) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2009:
- (a) fl-istess żmien kif stipulat fl-Artikolu 29, il-prezzijiet ta' riżerva għall-prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità kostanti u l-prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli;
  - (b) fl-istess żmien kif stipulat fl-Artikolu 30, it-tariffa abbażi tal-fluss imsemmija fl-Artikolu 4(3)(a), fejn din tiġi applikata.



3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata fil-mod li ġej:
- (a) kif stabbilit fil-paragrafu 1(a) sa (c);
  - (b) bl-Ingliż;
  - (c) f'tabella standardizzata li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:
    - (i) il-punt ta' interkonnessjoni;
    - (ii) id-direzzjoni tal-fluss tal-gass;
    - (iii) l-ismijiet tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni rilevanti;
    - (iv) iż-żmien tal-bidu u tat-tmiem tal-prodott;
    - (v) jekk il-kapaċità hijiex kostanti jew interrompibbli;
    - (vi) l-indikazzjoni tal-prodott ta' kapaċità standard;
    - (vii) it-tariffa applikabbli għal kull kWh/h u għal kull kWh/d fil-munita domestika u f'euro b'kunsiderazzjoni għal dan li ġej:
      - (1) fejn l-unità tal-kapaċità applikata hija l-kWh/h, l-informazzjoni dwar it-tariffa applikabbli għal kull kWh/d għandha tkun non-vinkolanti u vice versa;
      - (2) fejn il-munita domestika hija differenti mill-euro, l-informazzjoni dwar it-tariffa applikabbli f'euro għandha tkun non-vinkolanti.

Barra minn hekk, fl-istess żmien stipulat fl-Artikolu 30, din it-tabella standardizzata għandha tinkludi simulazzjoni tal-kostijiet kollha għall-fluss ta' GWh/jum/sena għal kull punt ta' interkonnessjoni fil-munita domestika u f'euro soġġetta għall-punt vii(2).

4. Fejn l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 hija differenti mill-informazzjoni rispettiva msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni rispettiva msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun prevalenti.

#### Artikolu 32

##### Perjodu ta' pubblikazzjoni tan-notifika

L-iskadenza għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni stabbilita fl-Artikoli 29 u 30 għandha tkun kif ġej:

- (a) għall-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 29, mhux aktar tard minn 30 ġurnata qabel l-irkant ta' kull sena għall-kapaċità annwali;
- (b) għall-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 30, mhux aktar tard minn 30 ġurnata qabel il-perjodu tariffarju rispettiv;
- (c) għat-tariffi ta' trażmissjoni rispettivi aġġornati fi żmien il-perjodu tariffarju kif stipulat fl-Artikolu 12(3), immedjament wara l-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE.

Kull aġġornament tat-tariffi ta' trażmissjoni għandu jiġi akkumpanjat minn informazzjoni li tindika r-raġunijiet għall-bidliet fil-livell tagħhom. Fejn jiġi applikat l-Artikolu 12(3)(b), dan għandu jiġi akkumpanjat ukoll mir-rapport aġġornat imsemmi fl-Artikolu 29(b) għat-tipi rispettivi ta' prodotti ta' kapaċità standard għall-kapaċità interrompibbli.

#### KAPITOLU IX

##### KAPAĊITÀ INKREMENTALI

#### Artikolu 33

##### Prinċipji tariffarji għall-kapaċità inkrementali

1. Il-prezz minimu li għalih l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jaċċettaw talba għal kapaċità inkrementali huwa l-prezz ta' referenza. Għall-kalkolu tat-test ekonomiku, il-prezzijiet ta' referenza għandhom jiġu derivati billi jiġu inklużi fil-metodoloġija tal-prezz ta' referenza l-assunzjonijiet rilevanti relatati mal-offerta ta' kapaċità inkrementali.

2. Fejn l-approċċ ta' prezz fiss pagabbli stabbilit fl-Artikolu 24(b) huwa meqjus li ġie offrut għall-kapaċità inkrementali, il-prezz ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 24(b) għandu jkun ibbażat fuq l-investment ipproġettat u l-ispejjeż operatorji. Ladarba l-kapaċità inkrementali tiġi kkommissjonata, dan il-prezz ta' riżerva għandu jiġi aġġustat proporzjonalment għad-differenza, irrispettivament minn jekk tkunx pożittiva jew negattiva, bejn l-ispejjeż ta' investment ipproġettati u l-kost tal-investment attwali.

3. Fil-każ li l-allokazzjoni tal-kapaċità inkrementali kollha fil-prezz ta' referenza ma tiġġenerax dħul suffiċjenti għal riżultat pożittiv fit-test ekonomiku, il-primjum obligatorju minimu jista' jiġi applikat fl-ewwel irkant jew mekkaniżmu ta' allokazzjoni alternattiva fejn tiġi offruta l-kapaċità inkrementali. Il-primjum obligatorju minimu jista' jiġi applikat ukoll f'azzjonijiet sussegwenti meta l-kapaċità li inizjalment kienet baqgħet mhux mibjugħa tiġi offruta, jew meta l-kapaċità inizjalment imwarrba tiġi offruta skont l-Artikolu 8(8) u (9) tar-Regolament (UE) 2017/459. Id-deċiżjoni dwar jekk u fliem irkant għandu jiġi applikat il-primjum obligatorju minimu għandha tittieħed f'konformità mal-Artikolu 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE.

4. Il-livell ta' primjum obligatorju minimu għandu jippermetti riżultat pożittiv mit-test ekonomiku bid-dħul iġġenerat mill-kapaċità offruta fl-ewwel irkant jew mekkaniżmu ta' allokazzjoni alternattiva li fih tkun għet offruta l-kapaċità inkrementali. Il-medda tal-livell għall-primjum obligatorju minimu, skont il-kapaċità allokata mistennija, għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 25(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/459.

5. Il-primjum obligatorju minimu approvat mill-awtorità regolatorja nazzjonali għandu jiżdied mal-prezz ta' referenza għall-prodotti ta' kapaċità raggruppati fil-punt ta' interkonnessjoni rispettiv u għandu jiġi attribwit b'mod esklużiv għall-operatori tas-sistema ta' trażmissjoni li għalih il-primjum obligatorju minimu ġie approvat mill-awtorità regolatorja nazzjonali rispettiva. Dan il-prinċipju prestabbilit għall-attribuzzjoni tal-primjum obligatorju minimu huwa mingħajr preġudizzju għall-qsim ta' primjum tal-irkant addizzjonali possibbli skont l-Artikolu 21(3) jew ftehim alternattiv bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali involuti.

## KAPITOLU X

### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI U TRANŻITORIJI

#### Artikolu 34

#### **Metodoloġiji u parametri użati biex jiġi determinat id-dħul permess jew fil-mira tal-operatori tas-sistema ta' trażmissjoni**

1. Qabel is-6 ta' April 2019, l-Aġenzija għandha tippubblika rapport dwar il-metodoloġiji u l-parametri użati biex jiġu determinat id-dħul permess jew fil-mira tal-operatori tas-sistemi ta' trażmissjoni. Ir-rapport għandu jkun ibbażat tal-inqas fuq il-parametri msemmija fl-Artikolu 30(1)(b)(iii).

2. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jippreżentaw lill-Aġenzija, f'konformità mal-proċess imsemmi mill-Aġenzija, l-informazzjoni kollha relatata mal-metodoloġiji u l-parametri użati biex jiġi determinat id-dħul permess jew fil-mira tal-operatori tas-sistemi ta' trażmissjoni.

#### Artikolu 35

#### **Kuntratti eżistenti**

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-livelli tat-tariffi tat-trażmissjoni li jirriżultaw minn kuntratti jew prenotazzjonijiet ta' kapaċità konklużi qabel is-6 ta' April 2017 fejn dawn il-kuntratti jew prenotazzjonijiet tal-kapaċità ma jipprevedu ebda bidla fil-livell ta' kapaċità- u/jew tariffi ta' trażmissjoni bbażati fuq il-komodità ħliet għall-indiċjar, jekk ikun hemm.

2. Id-dispożizzjonijiet kuntrattwali relatati mat-tariffi għat-trażmissjoni u l-prenotazzjonijiet tal-kapaċità msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jiġu mġedda, prolongati jew riportati wara d-data li fihom jiskadu.

3. Qabel is-6 ta' Mejju 2017, l-operator tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jibgħat il-kuntratti jew l-informazzjoni dwar il-prenotazzjonijiet tal-kapaċità, jekk ikun hemm, imsemmija fil-paragrafu 1, lill-awtorità regolatorja nazzjonali għall-informazzjoni.

## Artikolu 36

**Monitoraġġ tal-implementazzjoni**

1. Sabiex tassisti lill-Aġenzija fil-kompiti ta' monitoraġġ tagħha skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, l-ENTSOG għandha timmonitorja u tanalizza, f'konformità mal-Artikolu 8(8) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, kif l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jkunu implimentaw dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-ENTSOG għandha tiżgura l-kompletezza u l-korrettezza tal-informazzjoni rilevanti kollha li għandha tiġi pprovduta mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni. L-ENTSOG għandha tippreżenta lill-Aġenzija dik l-informazzjoni f'konformità mal-iskadenzi li ġejjin:

(a) il-31 ta' Marzu 2018 fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu VIII;

(b) il-31 ta' Marzu 2020 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha ta' dan ir-Regolament.

2. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jippreżentaw l-informazzjoni kollha mitluba lill-ENTSOG sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħha skont il-paragrafu 1, f'konformità mal-iskadenzi li ġejjin:

(a) il-31 ta' Diċembru 2017 fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu VIII;

(b) il-31 ta' Diċembru 2019 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha ta' dan ir-Regolament.

3. Iċ-ċiklu ta' monitoraġġ tal-implementazzjoni kif stabbilit fil-paragrafi 1 u 2 għandu jerġa' jsir mill-ġdid fis-snin ta' wara soġġett għal talbiet korrispondenti mill-Kummissjoni.

4. Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tiġi ppreżervata mill-ENTSOG u mill-Aġenzija.

5. Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Aġenzija għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni tal-metodoloġiji ta' prezz ta' referenza fl-Istati Membri.

## Artikolu 37

**Is-setgħa li jingħataw derogi**

1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu, fuq talba ta' entità li topera interkonnettatur li bbenefikat minn eżenzjoni mill-Artikolu 41(6), (8) u (10) tad-Direttiva 2009/73/KE f'konformità mal-Artikolu 36 ta' dik id-Direttiva jew eżenzjoni simili, jagħtu deroga lil tali entità mill-applikazzjoni ta' Artikolu wieħed jew aktar ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu fejn l-applikazzjoni ta' dawk l-Artikoli għal din l-entità seta' kellha waħda jew bosta minn dawn il-konsegwenzi negattivi. Din tista':

(a) ma tiffaċilitax il-kummerċ u l-kompetizzjoni fil-gass effiċjenti;

(b) ma tipprovdix inċentivi għall-investiment għal kapaċità ġdida jew iżżomm livelli eżistenti ta' kapaċità;

(c) tfixxkel il-kummerċ transkonfinali b'mod mhux raġonevoli;

(d) tfixxkel il-kompetizzjoni ma' operaturi oħrajn tal-infrastruttura li joffru servizzi ta' natura simili għal dawk tal-interkonnettatur;

(e) ma tkunx implimentabbli meta jittieħed kont tan-natura speċifika tal-interkonnetturi.

2. L-entità li titlob deroga skont il-paragrafu 1 għandha tinkludi fit-talba tagħha raġunar iddettaljat, bid-dokumenti kollha ta' sostenn, inkluż, fejn ikun xieraq, analiżi kost-benefiċċju, li turi li hemm konformità ma' waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1(a) sa (e).

3. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati għandhom jivvalutaw b'mod konġunt it-talba għal deroga u jittrattawha f'kooperazzjoni mill-qrib. Fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti jagħtu deroga, dawn għandhom jispeċifikaw it-tul tagħha fid-deċiżjonijiet tagħhom.

4. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jinnotifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-għoti ta' dawn id-derogi lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni.
5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jirrevokaw deroga jekk iċ-ċirkustanzi jew ir-raġunijiet sottostanti, jew it-tnejn li huma, ma jibqgħux japplikaw, jew fuq rakkomandazzjoni motivata tal-Aġenzija jew tal-Kummissjoni għar-revoka ta' deroga minħabba nuqqas ta' ġustifikazzjoni.

*Artikolu 38*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Għandu japplika mid-dħul fis-seħħ tiegħu.
3. Madankollu, il-Kapitoli VI u VIII għandhom japplikaw sa mill-1 ta' Ottubru 2017. Il-Kapitoli II, III u IV għandhom japplikaw sa mill-31 ta' Mejju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER